



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0055/2024**

23.2.2024

\*\*\*|

# **RAPPORT**

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart  
(COM(2023)0420 – C9-0233/2023 – 2023/0234(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Anna Zalewska

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewwg kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-***tipa korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewwg kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu █ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċejżjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mħuwiex indikat.

## **WERREJ**

### **Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	69
ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRČEVET KONTRIBUT MINGĦANDHOM .....	74
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI .....	75
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	100
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ....	101



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart  
(COM(2023)0420 – C9-0233/2023 – 2023/0234(COD))**

### **(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0420),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0233/2023),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,
  - wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A9-0055/2024),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

### **Emenda 1**

### **Proposta għal direttiva**

### **Premessa -1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**-1. Il-prevenzjoni u l-immaniġġar tal-iskart għat-tipi kollha hija għodda**

*kruċjali ta' politika kruċjali sabiex jiġu protetti l-ambjent u s-saħħha tal-bniedem fl-Unjoni. Hekk kif l-Istati Membri jagħmlu ħilithom biex itejbu b'mod kostanti l-programmi tagħhom għall-prevenzjoni u l-immaniġġar tal-iskart, huwa essenzjali li tīgħi applikata b'mod strett il-ġerarkija tal-iskart.*

Emenda 2  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari<sup>69</sup> jitkolbu azzjoni msaħħha u aċċellerata tal-Unjoni u tal-Istati Membri biex tīgħi żgurata s-sostenibbiltà ambjentali u soċjali tas-setturi tat-tessuti u tal-ikel peress li dawn jirrapreżentaw setturi mill-aktar intensivi fl-użu tar-riżorsi li jikkawżaw esternalitajiet ambjentali negattivi sinifikanti. F'dawk is-setturi, il-lakuni finanzjarji u teknoloġiċi jxekklu l-progress lejn it-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari u d-dekarbonizzazzjoni. Is-setturi tal-ikel u tat-tessuti huma l-aktar u r-raba' l-aktar setturi intensivi fl-użu tar-riżorsi rispettivament<sup>70</sup> u ma jikkonformawx bis-sħiħ mal-prinċipji fundamentali tal-UE dwar l-immaniġġar tal-iskart stabbiliti fil-ġerarkija tal-iskart li tirrikjedi l-prioritizzazzjoni tal-prevenzjoni tal-iskart segwita mit-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċikla. Dawn l-isfidi jirrikjedu soluzzjonijiet sistemiċi b'approċċ ibbażat fuq iċ-ċiklu tal-ħajja.

*Emenda*

(1) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari jitkolbu azzjoni msaħħha u aċċellerata tal-Unjoni u tal-Istati Membri biex tīgħi żgurata s-sostenibbiltà ambjentali u soċjali tas-setturi tat-tessuti u tal-ikel peress li dawn jirrapreżentaw setturi mill-aktar intensivi fl-użu tar-riżorsi li jikkawżaw esternalitajiet ambjentali negattivi sinifikanti. F'dawk is-setturi, il-lakuni finanzjarji u teknoloġiċi, **fost affarrijiet oħra**, ixekklu l-progress lejn it-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari u d-dekarbonizzazzjoni. Is-setturi tal-ikel u tat-tessuti huma l-aktar u r-raba' l-aktar setturi intensivi fl-użu tar-riżorsi rispettivament u ma jikkonformawx bis-sħiħ mal-prinċipji fundamentali tal-UE dwar l-immaniġġar tal-iskart stabbiliti fil-ġerarkija tal-iskart li tirrikjedi l-prioritizzazzjoni tal-prevenzjoni tal-iskart segwita mit-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċikla. Dawn l-isfidi jirrikjedu soluzzjonijiet sistemiċi b'approċċ ibbażat fuq iċ-ċiklu tal-ħajja **b'attenzjoni partikolari mogħtija lill-prodotti tal-ikel u tat-tessuti.**

---

<sup>69</sup> COM(2020)98 final tal-11 ta' Marzu 2020.

<sup>70</sup> *Perkorsi ta' Tranżizzjoni tal-UE (europa.eu)*

**Emenda 3**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Skont l-Istrateġja tal-UE għal Tessuti Sostenibbli u Ċirkolari<sup>71</sup> , huma meħtieġa bidliet importanti biex nitbiegħdu mill-mod lineari prevalent bħalissa, li bih il-prodotti tat-tessuti jitfasslu, jiġu prodotti, jintużaw u jiġu skartati, bi ħtieġa partikolari li tiġi limitata l-moda mghaż-ġġla. Dik l-Istrateġja tqis li huwa importanti li l-produtturi jkunu responsabbi għall-iskart li joħolqu l-prodotti tagħhom u tirreferi għall-istabbiliment ta' regoli armonizzati tal-Unjoni dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur għat-tessuti b'ekomodulazzjoni tat-tariffi. Hija tistipula li l-objettiv ewljeni ta' dawn ir-regoli huwa li tinħoloq ekonomija għall-ġbir, is-separazzjoni, l-użu mill-ġdid, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċikla, u li l-produtturi jiġu incenjativati jiżguraw li l-prodotti tagħhom ikunu mfassla b'risspett għall-prinċipji taċ-ċirkolaritā. Għal dak il-għan, hija tipprevedi li sehem notevoli mill-kontribuzzjonijiet magħmula mill-produtturi għall-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur għandhom ikunu ddedikati għall-miżuri ta' prevenzjoni tal-iskart u għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid. Hija tappoġġa wkoll il-ħtieġa ta' approċċi msahħha u aktar innovattivi għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi biex jiżdiedu c-ċirkolaritā u l-valorizzazzjoni tal-iskart tal-ikel u l-użu mill-ġdid tat-tessuti b'bażi bijoloġika.

*Emenda*

(2) Skont l-Istrateġja tal-UE għal Tessuti Sostenibbli u Ċirkolari<sup>71</sup> , huma meħtieġa bidliet importanti biex nitbiegħdu mill-mod lineari prevalent bħalissa, li bih il-prodotti tat-tessuti jitfasslu, jiġu prodotti, jintużaw u jiġu skartati, bi ħtieġa partikolari li tiġi limitata l-moda mghaż-ġġla. *Skont il-viżjoni tal-Istrateġja għall-2030, il-konsumaturi jenħtieġ li jibbenefikaw aktar fit-tul minn tessuti affordabbli ta' kwalità għolja.* Dik l-Istrateġja tqis li huwa importanti li l-produtturi jkunu responsabbi għall-iskart li joħolqu l-prodotti tagħhom u tirreferi għall-istabbiliment ta' regoli armonizzati tal-Unjoni dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur għat-tessuti b'ekomodulazzjoni tat-tariffi. Hija tistipula li l-objettiv ewljeni ta' dawn ir-regoli huwa li tinħoloq ekonomija għall-ġbir, is-separazzjoni, l-użu mill-ġdid, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċikla, u li l-produtturi jiġu incenjativati jiżguraw li l-prodotti tagħhom ikunu mfassla b'risspett għall-prinċipji taċ-ċirkolaritā. Għal dak il-għan, hija tipprevedi li sehem notevoli mill-kontribuzzjonijiet magħmula mill-produtturi għall-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur għandhom ikunu ddedikati għall-miżuri ta' prevenzjoni tal-iskart u għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid. Hija tappoġġa wkoll il-ħtieġa ta' approċċi msahħha u aktar innovattivi għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi biex jiżdiedu c-ċirkolaritā u l-valorizzazzjoni tal-iskart tal-ikel u l-użu mill-ġdid tat-tessuti b'bażi bijoloġika.

---

<sup>71</sup> COM(2022)141 final tat-30 ta' Marzu 2022.

---

<sup>71</sup> COM(2022)141 final tat-30 ta' Marzu 2022.

## **Emenda 4**

### **Proposta għal direttiva Premessa 2a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(2a) Skont il-briefing tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent bit-titlu “Microplastics from textiles in Europe” (Il-mikroplastiċi mit-tessuti fl-Ewropa)<sup>1a</sup>, sa 35 % tal-mikroplastiċi globali rilaxxati fl-ekosistemi akkwatiċi, terrestri u tal-baħar huma minn tessuti sintetiċi. L-iskart tal-plastik li jdgħajjef l-ekosistemi akkwatiċi, terrestri u tal-baħar jista’ jinġabar, jiġi riċiklat u fl-aħħar mill-aħħar jerġa’ jintuża sabiex tiġi promossa ekonomija ċirkolari sħiħa kif ukoll jiżdied l-għarfien fost il-pubbliku għat-tixrid tal-aħjar prattiki.**

*1a*

<https://www.eea.europa.eu/publications/microplastics-from-textiles-towards-a>

## **Emenda 5**

### **Proposta għal direttiva Premessa 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(3) B’kont meħud tal-effetti negattivi tal-iskart tal-ikel, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jieħdu miżuri biex jippromwovu l-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-iskart tal-ikel f’konformità mal-Āġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) fil-25 ta’ Settembru 2015, u b’mod partikolari l-mira tagħha li jitnaqqas binnofs l-iskart globali tal-ikel per capita fil-livelli tal-bejgħ bl-imnut u tal-konsumatur u jitnaqqas it-telf tal-ikel tul il-ktajjen tal-produzzjoni u tal-provvista, inkluż it-telf ta’ wara l-ħsad, sal-2030. Dawk il-miżuri kellhom l-għan li jipprevjenu u jnaqqsu l-iskart tal-ikel fil-produzzjoni primarja, fl-**

**(3) B’kont meħud tal-effetti negattivi tal-iskart tal-ikel, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jieħdu miżuri biex jippromwovu l-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-iskart tal-ikel f’konformità mal-Āġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, u l-Mira 12.3 tal-SDG b’mod partikolari, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) fil-25 ta’ Settembru 2015, u b’mod partikolari l-mira tagħha li jitnaqqas binnofs l-iskart globali tal-ikel per capita fil-livelli tal-bejgħ bl-imnut u tal-konsumatur u jitnaqqas it-telf tal-ikel tul il-ktajjen tal-produzzjoni u tal-provvista, inkluż it-telf ta’ wara l-ħsad, sal-2030. Dawk il-miżuri kellhom l-għan li jipprevjenu u jnaqqsu l-**

iproċessar u fil-manifattura, fil-bejgħ bl-imnūt u distribuzzjoni oħra tal-ikel, fir-ristoranti u fis-servizzi tal-ikel kif ukoll fl-unitajiet domestiċi.

iskart tal-ikel fil-produzzjoni primarja, fl-iproċessar u fil-manifattura, fil-bejgħ bl-imnūt u distribuzzjoni oħra tal-ikel, fir-ristoranti u fis-servizzi tal-ikel kif ukoll fl-unitajiet domestiċi.

## Emenda 6

### Proposta għal direttiva Premessa 5a (ġdida)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(5a) L-injam huwa riżorsa siewja u huwa mħeġġeġ li dan jiżdied ma' lista ta' materjali soġġetti għal ġbir separat, u b'miri ta' użu mill-ġdid u ta' riċiklaġġ.*

## Emenda 7

### Proposta għal direttiva Premessa 7

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(7) L-Istati Membri, sa ċertu punt, żviluppaw materjali u wettqu kampanji mmirati lejn il-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel għall-konsumaturi u għall-operaturi tan-negożji tal-ikel; madankollu, dawn jiffukaw l-aktar fuq is-sensibilizzazzjoni **aktar milli jqanqlu** bidla fl-imġiba. Sabiex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel u jiġi żgurat il-progress maż-żmien, iridu jiġu żviluppati interventi għall-bidla fl-imġiba, adattati skont is-sitwazzjonijiet u l-ħtiġijiet spċifici fl-Istati Membri, u integrati b'mod sħiħ fil-programmi nazzjonali għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel. Jenħtieġ li tingħata importanza wkoll lil soluzzjonijiet ċirkolari regionali, bħas-sħubijiet pubbliċi-privati u l-involviment taċ-ċittadini kif ukoll l-adattament għal ħtiġijiet regionali spċifici bħar-reġjuni ultraperiferiċi jew il-gżejjer.

(7) L-Istati Membri, sa ċertu punt, żviluppaw materjali u wettqu kampanji mmirati lejn il-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel għall-konsumaturi u għall-operaturi tan-negożji tal-ikel; madankollu, dawn jiffukaw l-aktar fuq is-sensibilizzazzjoni **u bidliet sostanzjali fid-dieta inkluża** bidla fl-imġiba. Sabiex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel u jiġi żgurat il-progress maż-żmien, iridu jiġu żviluppati interventi għall-bidla fl-imġiba, adattati skont is-sitwazzjonijiet u l-ħtiġijiet spċifici fl-Istati Membri, u integrati b'mod sħiħ fil-programmi nazzjonali għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel. Jenħtieġ li tingħata importanza wkoll lil soluzzjonijiet ċirkolari regionali, l-involviment taċ-ċittadini kif ukoll l-adattament għal ħtiġijiet regionali spċifici bħar-reġjuni ultraperiferiċi jew il-gżejjer;

## Emenda 8

## Proposta għal direttiva

### Premessa 10

*Test propost mill-Kummissjoni*

(10) **B'kont meħud tal-impenn tal-Unjoni għall-ambizzjoni stabbilita fil-Mira 12.3 tal-SDG, l-istabbiliment ta' miri għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri sal-2030, jenħtieġ li jipprovdi impuls ta' politika qawwi biex tittieħed azzjoni u jiġi żgurat kontribut sinifikanti għall-miri globali. Madankollu, minħabba n-natura legalment vinkolanti ta' dawn il-miri, jenħtieġ li dawn ikunu proporzjonati u fattibbli, u jqisu r-rwol tal-atturi differenti fil-katina tal-provvista tal-ikel kif ukoll il-kapaċitā tagħhom (b'mod partikolari l-intrapriżi mikro u żgħar). **L-istabbiliment ta' miri legalment vinkolanti jenħtieġ għalhekk isegwi approċċe gradwali, li jibda b'livell li jkun aktar baxx minn dak stabbilit skont l-SDG, bil-għan li jiġi żgurat rispons konsistenti tal-Istati Membri u progress tangħibbi lejn il-Mira 12.3.****

*Emenda*

(10) **L-istabbiliment ta' miri għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri sal-2030, b'konformità tal-impenn tal-Unjoni għall-ambizzjoni stabbilita fil-Mira 12.3 tal-SDG, jenħtieġ li jipprovdi impuls ta' politika qawwi biex tittieħed azzjoni u jiġi żgurat kontribut sinifikanti għall-miri globali. Madankollu, minħabba n-natura legalment vinkolanti ta' dawn il-miri, jenħtieġ li dawn ikunu proporzjonati, **li jistgħu jintlaħqu** u fattibbli, u jqisu r-rwol tal-atturi differenti fil-katina tal-provvista tal-ikel kif ukoll il-kapaċitā tagħhom, b'mod partikolari l-intrapriżi mikro u żgħar.**

### Emenda 9

## Proposta għal direttiva

### Premessa 10a (ġidida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(10a) Id-disparitajiet fis-setgħa tan-negożjar bejn il-fornituri u x-xerrejja ta' prodotti agrikoli u tal-ikel għadhom jippersistu fil-ktajjen tal-provvista tal-ikel madwar l-Unjoni. Dan huwa partikolarment il-każ fis-settura agrikolu, peress li n-natura spċċifika tal-prodotti agrikoli u l-ħtieġa assoċċjata li dawn jintużaw malajr ifixklu l-ugwaljanza fost il-kontropartijiet sa mill-bidu nett. Għalhekk jenħtieġ li jsir kull sforz biex jiġi żgurat li l-aktar prattiki kummerċjali inġusti komuni li jaffettwaw lill-fornituri agrikoli, b'mod partikolari fil-provvista**

*ta' prodotti li jitħassru malajr, ma jiżdidux bħala riżultat ta' miri vinkolanti biex jitnaqqas l-iskart tal-ikel.*

## Emenda 10

### Proposta għal direttiva Premessa 10b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(10b) Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' tħejjija u rispons għall-Kriżijiet tas-Sigurtà tal-Ikel irrikonoxxa l-kontribut tal-imballaġġ fit-tnejja tal-iskart tal-ikel u fl-iżgur tal-provvista u s-sigurtà tal-ikel.*

## Emenda 11

### Proposta għal direttiva Premessa 11

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(11) It-tnejja tal-iskart tal-ikel fl-istadji tal-produzzjoni u tal-konsum jirrikjedi diversi approċċi u miżuri u jinvolvi diversi gruppi ta' partijiet ikkonċernati. Għalhekk, jenħtieġ li tīgi proposta mira waħda għall-istadju tal-ipproċessar u tal-manifattura u oħra għall-bejgħ bl-imnut u distribuzzjoni oħra tal-ikel, ir-ristoranti u s-servizzi tal-ikel u l-unitajiet domestiċi.

(11) It-tnejja tal-iskart tal-ikel fl-istadji tal-produzzjoni u tal-konsum jirrikjedi diversi approċċi u miżuri u jinvolvi diversi gruppi ta' partijiet ikkonċernati. Għalhekk, jenħtieġ li tīgi proposta mira waħda għall-istadju tal-ipproċessar u tal-manifattura u oħra għall-bejgħ bl-imnut u distribuzzjoni oħra tal-ikel, ir-ristoranti u s-servizzi tal-ikel u l-unitajiet domestiċi. ***It-tnejja tal-iskart tal-ikel fi kwalunkwe punt tul il-katina tal-provvista tal-ikel iwassal għal impatt ambientali pożittiv sinifikanti.***

## Emenda 12

### Proposta għal direttiva Premessa 14a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(14a) Biex tippromwovi interpretazzjoni uniformi u konsistenti tad-data u rapportar dwar l-iskart tal-ikel fost l-atturi fil-katina tal-provvista tal-ikel u l-awtoritajiet tal-Istati Membri, il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi linji gwida komprensivi li jappartjenu għall-metodoloġija għall-kejl tal-iskart tal-ikel.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Data aktar simplifikata meħtieġa biex tippromwovi l-għanijiet stabbiliti.*

### **Emenda 13**

#### **Proposta għal direttiva Premessa 14b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(14b) Il-metodoloġija armonizzata stabilita fid-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/1597\* tipprevevi l-użu ta' metodi differenti ta' rapportar. Sabiex jiġi żgurat li d-data futura tkun xjentifikament soda, ta' kwalità għolja u komparabbi, huwa meħtieġ li jiġu stabiliti u applikati metodi ta' kejl ċari u konsistenti fost l-Istati Membri u rekwiżiti minimi ta' kwalità għall-kejl uniformi tal-iskart tal-ikel.*

---

\* *Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/1597 tat-3 ta' Mejju 2019 li tissupplimenta d-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' metodoloġija komuni u rekwiżiti minimi tal-kwalità għall-kejl uniformi tal-livelli tal-iskart tal-ikel (ĠU L 248, 27.9.2019, p. 77).*

### **Emenda 14**

#### **Proposta għal direttiva Premessa 16a (ġdida)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(16a) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu miżuri biex jippromwovu soluzzjonijiet bħal tikkettar aktar ċar tad-data fuq il-prodotti tal-ikel u jiffaċilitaw l-użu tal-marki tad-data skont ir-Regolament (UE) 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*, sabiex tiġi evitata l-konfużjoni tal-konsumaturi dwar l-immarkar tad-data.**

-----  
\* **Ir-Regolament (UE)**  
*Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18).*

**Emenda 15  
Proposta għal direttiva  
Premessa 17**

*Test propos mill-Kummissjoni*

(17) F'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, kif imsemmi fl-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), huwa essenzjali li l-produtturi li jintroduċu fis-suq tal-Unjoni ċerti prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u prodotti ta' xedd is-saqajn jieħdu r-responsabbiltà għall-ġestjoni tagħhom fi tmiem il-ħajja tagħhom kif ukoll li jestendu l-ħajja tagħhom billi jqiegħdu fis-suq prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u

*Emenda*

(17) F'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, kif imsemmi fl-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), huwa essenzjali li l-produtturi li jintroduċu fis-suq tal-Unjoni ċerti prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u prodotti ta' xedd is-saqajn jieħdu r-responsabbiltà għall-ġestjoni tagħhom fi tmiem il-ħajja tagħhom kif ukoll li jestendu l-ħajja tagħhom billi jqiegħdu fis-suq prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u

prodotti ta' xedd is-saqajn użati għall-użu mill-ġdid. Biex jiġi implimentat il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-obbligi għall-ġestjoni tal-produtturi ta' prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u prodotti ta' xedd is-saqajn, li jinkludu kwalunkwe manifattur, importatur jew distributur, li, irrispettivament mit-teknika tal-bejgħ li juża, inkluż permezz ta' kuntratti mill-bogħod kif definit fl-Artikolu 2, il-punt 7, tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>77</sup>, iqiegħed fis-suq dawk il-prodotti għall-ewwel darba f'territorju ta' Stat Membru fuq bażi professionali taħt ismu jew it-trademark tiegħu. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-produtturi koperti mir-responsabbiltà estiżha tal-produttur jenħtieġ li jeskludi l-mikrointrapriżi u l-ħajjata li jaħdmu għal rashom li jipproduċu prodotti personalizzati fid-dawl tar-rwol imnaqqas tagħhom fis-suq tat-tessuti kif ukoll dawk li jintroduċu fis-suq prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u prodotti ta' xedd is-saqajn użati jew prodotti bħal dawn derivati minn prodotti użati jew skart ta' dawk il-prodotti bil-ġhan li jappoġġaw lu użu mill-ġdid, inkluż permezz ta' tiswija, rinnovazzjoni u titjib fejn jinbidlu ċerti funzjonalitajiet tal-prodott oriġinali, fi ħdan l-Unjoni.

prodotti ta' xedd is-saqajn użati għall-użu mill-ġdid. Biex jiġi implimentat il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-obbligi għall-ġestjoni tal-produtturi ta' prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u prodotti ta' xedd is-saqajn, li jinkludu kwalunkwe manifattur, importatur jew distributur, li, irrispettivament mit-teknika tal-bejgħ li juża, inkluż permezz ta' kuntratti mill-bogħod kif definit fl-Artikolu 2(7), tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>77</sup>, iqiegħed fis-suq dawk il-prodotti għall-ewwel darba f'territorju ta' Stat Membru fuq bażi professionali taħt ismu jew it-trademark tiegħu. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-produtturi koperti mir-responsabbiltà estiżha tal-produttur jenħtieġ li jeskludi l-mikrointrapriżi, *li għalihom tali responsabbiltà timponi piżż finanzjarju u amministrattiv sproporzjonat*, u l-ħajjata li jaħdmu għal rashom li jipproduċu prodotti personalizzati fid-dawl tar-rwol imnaqqas tagħhom fis-suq tat-tessuti kif ukoll dawk li jintroduċu fis-suq prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u prodotti ta' xedd is-saqajn użati jew prodotti bħal dawn derivati minn prodotti użati jew skart ta' dawk il-prodotti bil-ġhan li jappoġġaw lu użu mill-ġdid, inkluż permezz ta' tiswija, rinnovazzjoni u titjib fejn jinbidlu ċerti funzjonalitajiet tal-prodott oriġinali, fi ħdan l-Unjoni. *Madankollu, jenħtieġ li l-mikrointrapriżi jitħallew jipparteċipaw f'organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi.*

---

<sup>77</sup> Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p.

---

<sup>77</sup> Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p.

64).

64).

**Emenda 16**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 18a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(18a) Skont l-Aġenċija Ewropea għall-Ambjent, bħalissa inqas minn 1 % tal-iskart kollu tal-ħwejjeġ jintuża biex isir ilbies ġdid f'ċirkwit ċirkolari. Illum, il-biċċa l-kbira tat-tessuti ma humiex imfassla għaċ-ċirkolaritā. 78 % tal-prodotti kollha tat-tessuti jirrikjedu li jiġu żarmati qabel ir-riċiklaġġ mit-tessuti għat-tessuti. Sabiex jiġi żgurat l-investiment fit-tessuti ċirkolari, jenħieġ li jiġu stabbiliti miri għall-prevenzjoni, il-ġbir, is-separazzjoni, l-użu mill-ġdid u l-użu mill-ġdid lokali, kif ukoll ir-riċiklaġġ u r-riċiklaġġ mill-fibra għall-fibra tat-tessuti biex jiġi appoġġati u xprunati l-iż-żvilupp teknoloġiku u l-investimenti fl-infrastruttura kif ukoll l-ispinta għall-ekodisinn tat-tessuti. Skart totali tat-tessuti ġgħenerat, li jkopri ħwejjeġ u xedd tas-saqajn, tessuti tad-dar, tessuti tekniċi, u skart post-industrijali u ta' qabel il-konsumatur, huwa stmat li jkun 12, 6 miljun tunnellata. Dan jinkludi frazzjonijiet li jintremew waqt il-produzzjoni tat-tessuti, fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut u mill-iskart domestiku u entitajiet kummerċjali<sup>1a</sup>.*

---

*1a*

*[https://environment.ec.europa.eu/system/files/2023-07/IMPACT%20ASSESSMENT%20REPORT\\_SWD\\_2023\\_421\\_part1\\_0.pdf](https://environment.ec.europa.eu/system/files/2023-07/IMPACT%20ASSESSMENT%20REPORT_SWD_2023_421_part1_0.pdf)  
(paġna 6)*

**Emenda 17**  
**Proposta għal direttiva**

## Premessa 19

### *Test proposet mill-Kummissjoni*

(19) *It-tessuti tad-dar u l-ilbies jinkludu l-akbar sehem mill-konsum tat-tessuti tal-Unjoni u l-akbar kontributur għax-xejriet mhux sostenibbli ta' produzzjoni jezja u konsum eċċessiv. It-tessuti tad-dar u l-ilbies huma wkoll il-fokus tas-sistemi kollha eżistenti ta' ġbir separat fl-Istati Membri flimkien ma' lbies u aċċessorji oħra ta' wara l-konsum u xedd is-saqajn li ma humiex magħmula primarjament mit-tessuti. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema stabbilita ta' responsabbiltà estiżza tal-produttur jenħtieġ li jkopri l-prodotti tat-tessuti tad-dar u oġġetti oħra tal-ilbies, aċċessorji tal-ħwejjeġ u xedd is-saqajn.* Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-produtturi dwar il-prodotti soġġetti għar-responsabilità estiżza tal-produttur, il-prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni jenħtieġ li jiġu identifikati b'referenza għall-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda skont l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87<sup>78</sup>.

---

<sup>78</sup> ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

### *Emenda*

(19) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-produtturi dwar il-prodotti soġġetti għar-responsabbiltà estiżza tal-produttur, il-prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni jenħtieġ li jiġu identifikati b'referenza għall-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda skont l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87<sup>78</sup>.

## Emenda 18

### Proposta għal direttiva

### Premessa 20

### *Test proposet mill-Kummissjoni*

(20) Is-settur tat-tessuti huwa intensiv fl-użu tar-riżorsi. Filwaqt li, fir-rigward kemm tal-produzzjoni tal-materja prima kif ukoll tat-tessuti, il-biċċa l-kbira tal-pressjonijiet u tal-impatti relatati mal-konsum tal-ħwejjeġ, tax-xeddu is-saqajn u

### *Emenda*

(20) Is-settur tat-tessuti huwa intensiv fl-użu tar-riżorsi. Filwaqt li, fir-rigward kemm tal-produzzjoni tal-materja prima kif ukoll tat-tessuti, *peress li 73 % tal-ħwejjeġ u tat-tessuti tad-dar ikkunsma fl-Ewropa huma importati[1]*, il-biċċa l-kbira tal-

tat-tessuti ***tad-dar*** fl-Unjoni jseħħu f'pajjiżi terzi, dawn jaffettwaw ukoll lill-Unjoni minħabba l-impatt globali tagħhom fuq il-klima u l-ambjent. Għalhekk, il-prevenzjoni, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart tat-tessuti jistgħu jgħinu biex titnaqqas l-impronta ambientali globali tas-setturi, inkluż fl-Unjoni. Barra minn hekk, l-immaniġġar ineffiċjenti attwali fl-użu tar-riżorsi tal-iskart tat-tessuti ma huwiex konformi mal-ġerarkija tal-iskart u jwassal għal ħsara ambientali kemm fl-Unjoni kif ukoll f'pajjiżi terzi, inkluż permezz tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-inċinerazzjoni u mirrimi f'landfills.

pressjonijiet u tal-impatti relatati mal-konsum tal-ħwejjeġ, tax-xedd is-saqajn u tat-tessuti fl-Unjoni jseħħu f'pajjiżi terzi, dawn jaffettwaw ukoll lill-Unjoni minħabba l-impatt globali tagħhom fuq il-klima u l-ambjent. Għalhekk, il-prevenzjoni, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart tat-tessuti jistgħu jgħinu biex titnaqqas l-impronta ambientali globali tas-setturi, inkluż fl-Unjoni. Barra minn hekk, l-immaniġġar ineffiċjenti attwali fl-użu tar-riżorsi tal-iskart tat-tessuti ma huwiex konformi mal-ġerarkija tal-iskart u jwassal għal ħsara ambientali kemm fl-Unjoni kif ukoll f'pajjiżi terzi, inkluż permezz tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-inċinerazzjoni u mirrimi f'landfills. [1]

[https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/QANDA\\_22\\_2015](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/QANDA_22_2015)

### **Emenda 19 Proposta għal direttiva Premessa 21**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(21) Il-fini tar-responsabbiltà estiżza tal-produttur għall-prodotti tat-tessuti, għall-prodotti relatati mat-tessuti u għall-prodotti ta' xedd is-saqajn huwa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħha fl-Unjoni, tinħoloq ekonomija għall-ġbir, għas-separazzjoni, għall-użu mill-ġdid, għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ, b'mod partikolari, għar-riċiklaġġ mill-fibra għall-fibra, kif ukoll għall-inċentivi għall-produtturi biex jiżguraw li l-prodotti tagħhom jitfasslu b'rispett għall-prinċipi taċ-ċirkolaritā. Il-produtturi tat-tessuti u tax-xedd is-saqajn jenħtieġ li jiffinanzjaw il-kostijiet tal-ġbir, tas-separazzjoni għall-użu mill-ġdid, tat-tħejjija għall-użu mill-ġdid u tar-riċiklaġġ, u tar-riċiklaġġ u ta' trattament ieħor tat-tessuti u tax-xedd is-saqajn użati u ta' skart miġbura, inklużi l-prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħha meqjusa bħala skart li

#### *Emenda*

(21) Il-fini tar-responsabbiltà estiżza tal-produttur għall-prodotti tat-tessuti, għall-prodotti relatati mat-tessuti u għall-prodotti ta' xedd is-saqajn huwa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħha fl-Unjoni, tinħoloq ekonomija għall-ġbir, għas-separazzjoni, għall-użu mill-ġdid, għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ, b'mod partikolari, għar-riċiklaġġ mill-fibra għall-fibra, kif ukoll għall-inċentivi għall-produtturi biex jiżguraw li l-prodotti tagħhom jitfasslu b'rispett għall-prinċipi taċ-ċirkolaritā. Il-produtturi tat-tessuti u tax-xedd is-saqajn jenħtieġ li jiffinanzjaw il-kostijiet tal-ġbir, tas-separazzjoni għall-użu mill-ġdid, tat-tħejjija għall-użu mill-ġdid u tar-riċiklaġġ, u tar-riċiklaġġ u ta' trattament ieħor tat-tessuti u tax-xedd is-saqajn użati u ta' skart miġbura, inklużi l-prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħha meqjusa bħala skart li

jkunu ġew fornuti fit-territorju tal-Istati Membri wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja biex jiġi żgurat li l-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur ma japplikawx b'mod retroattiv u jikkonformaw mal-prinċipju taċ-ċertezza legali. Dawk il-produtturi jenħtieġ li jiffinanzjaw ukoll il-kostijiet tat-twettiq ta' stħarriġ dwar il-kompożizzjoni tal-iskart muniċipali miġbur imħallat, l-appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp fit-teknoloġiji tas-separazzjoni u tar-riċiklaġġ, ir-rapportar dwar il-ġbir separat, l-użu mill-ġdid u trattament ieħor u tal-għoti ta' informazzjoni lill-utenti finali dwar l-impatt u l-ġestjoni sostenibbli tat-tessuti.

jkunu ġew fornuti fit-territorju tal-Istati Membri wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja biex jiġi żgurat li l-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur ma japplikawx b'mod retroattiv u jikkonformaw mal-prinċipju taċ-ċertezza legali. Dawk il-produtturi jenħtieġ li jiffinanzjaw ukoll il-kostijiet tat-twettiq ta' stħarriġ dwar il-kompożizzjoni tal-iskart muniċipali miġbur imħallat, l-appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp fit-teknoloġiji tas-separazzjoni u tar-riċiklaġġ, **speċjalment is-soluzzjonijiet diġitali**, ir-rapportar dwar il-ġbir separat, l-użu mill-ġdid u trattament ieħor u tal-għoti ta' informazzjoni lill-utenti finali dwar l-impatt u l-ġestjoni sostenibbli tat-tessuti. **Il-produtturi jenħtieġ li jiffinanzjaw ukoll l-iżvilupp ta' operazzjonijiet ta' użu mill-ġdid u tiswija.**

## Emenda 20 Proposta għal direttiva Premessa 25

### *Test propost mill-Kummissjoni*

(25) Fid-dawl tar-rwol ewljeni tal-intrapriżi soċjali u tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali fis-sistemi eżistenti tal-ġbir tat-tessuti u l-potenzjal tagħhom li joħolqu mudelli ta' negozji lokali, sostenibbli, parteċipattivi u inklużivi u impjieg i ta' kwalità fl-Unjoni, f'konformità mal-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ekonomija Soċjali<sup>79</sup>, l-introduzzjoni ta' skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur jenħtieġ li żżomm u tappoġġa l-attivitàajiet tal-intrapriżi soċjali u tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali involuti fl-immaniġġar tat-tessuti użati. Dawn l-entitajiet għalhekk jenħtieġ li jitqiesu bħala sħab fis-sistemi ta' ġbir separat li jappoġġaw iż-żieda fl-użu mill-ġdid u ttiswija u l-ħolqien ta' impjieg i ta' kwalità għal kulħadd u b'mod partikolari għall-gruppi vulnerabbli.

### *Emenda*

(25) B'kont meħud tar-rwol ewljeni tal-intrapriżi soċjali u tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali fis-sistemi eżistenti tal-ġbir tat-tessuti u l-potenzjal tagħhom li joħolqu mudelli ta' negozji lokali, sostenibbli, parteċipattivi u inklużivi u impjieg i ta' kwalità fl-Unjoni, f'konformità mal-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ekonomija Soċjali<sup>79</sup>, l-introduzzjoni ta' skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur jenħtieġ li żżomm u tappoġġa l-attivitàajiet tal-intrapriżi soċjali u tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali involuti fl-immaniġġar tat-tessuti użati **u ta' skart**. Dawn l-entitajiet għalhekk jenħtieġ li jitqiesu bħala sħab fis-sistemi ta' ġbir separat li jappoġġaw iż-żieda fit-**tħejjija għall-użu mill-ġdid u l-użu mill-ġdid u ttiswija u l-ħolqien ta' impjieg i ta' kwalità għal kulħadd u b'mod partikolari għall-gruppi vulnerabbli.**

**Emenda 21**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 26**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(26) Il-produtturi u l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jenħtieġ li jkunu involuti attivament fl-ġhoti ta' informazzjoni lill-utenti finali, b'mod partikolari lill-konsumaturi, li t-tessuti u x-xedd is-saqajn użati u ta' skart jenħtieġ jingħabru separatament, li hemm disponibbli sistemi ta' ġbir u li l-utenti finali għandhom rwol importanti biex jiġu żgurati l-prevenzjoni tal-iskart u mmaniġġar ambjentalment ottimali tal-iskart tat-tessuti. Din l-informazzjoni jenħtieġ li tinkludi d-disponibbiltà ta' arrāngamenti għall-użu mill-ġdid għat-tessuti u għax-xedd is-saqajn u l-benefiċċji ambjentali ta' konsum sostenibbli u l-impatti ambjentali, tas-sahħha u soċjali tal-industrija tal-ilbies tat-tessuti. L-utenti finali jenħtieġ li jiġu infurmati wkoll dwar ir-rwol importanti tagħhom biex isiru għażiex infurmati, responsabbi u sostenibbli dwar il-konsum tat-tessuti u jiġi żgurat immaniġġar ambjentalment ottimali tal-iskart tat-tessuti u tax-xedd is-saqajn. Dawn ir-rekwiżiti ta' informazzjoni japplikaw flimkien mar-rekwiżiti dwar l-ġhoti ta' informazzjoni lill-utenti finali firrigward tal-prodotti tat-tessuti stabbiliti fir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli<sup>80</sup> u r-Regolament (UE) Nru 1007/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>81</sup>. Id-divulgazzjoni tal-informazzjoni lill-utenti finali kollha jenħtieġ li tagħmel użu mit-teknoloġiji moderni tal-informazzjoni. L-informazzjoni jenħtieġ li tingħata kemm b'mezzi klassiċi, bħal posters kemm

*Emenda*

(26) Il-produtturi u l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jenħtieġ li jkunu involuti attivament fl-ġhoti ta' informazzjoni lill-utenti finali, b'mod partikolari lill-konsumaturi, li t-tessuti u x-xedd is-saqajn użati u ta' skart jenħtieġ jingħabru separatament, li hemm disponibbli sistemi ta' ġbir u li l-utenti finali għandhom rwol importanti biex jiġu żgurati l-prevenzjoni tal-iskart u mmaniġġar ambjentalment ottimali tal-iskart tat-tessuti. Din l-informazzjoni jenħtieġ li tinkludi d-disponibbiltà ta' arrāngamenti għall-użu mill-ġdid għat-tessuti u għax-xedd is-saqajn u l-benefiċċji ambjentali ta' konsum sostenibbli u l-impatti ambjentali, tas-sahħha u soċjali tal-industrija tal-ilbies tat-tessuti. L-utenti finali jenħtieġ li jiġu infurmati wkoll dwar ir-rwol importanti tagħhom biex isiru għażiex infurmati, responsabbi u sostenibbli dwar il-konsum tat-tessuti u jiġi żgurat immaniġġar ambjentalment ottimali tal-iskart tat-tessuti u tax-xedd is-saqajn. Dawn ir-rekwiżiti ta' informazzjoni japplikaw flimkien mar-rekwiżiti dwar l-ġhoti ta' informazzjoni lill-utenti finali firrigward tal-prodotti tat-tessuti stabbiliti fir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli<sup>80</sup> u r-Regolament (UE) Nru 1007/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>81</sup>. Id-divulgazzjoni tal-informazzjoni lill-utenti finali kollha jenħtieġ li tagħmel użu mit-teknoloġiji moderni tal-informazzjoni. L-informazzjoni jenħtieġ li tingħata kemm b'mezzi klassiċi, bħal posters kemm

ġewwa kif ukoll barra u kampanji fuq il-media soċjali, kif ukoll b'mezzi aktar innovattivi, bħall-aċċess elettroniku għal siti web ipprovdut permezz ta' kodicijjiet QR.

<sup>80</sup> L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jdaħħal in-numru ta' referenza ladarba jiġi adottat.

<sup>81</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1007/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2011 dwar l-ismijiet ta' fibri ta' tessuti u t-tikkettar u l-immarkar relatati tal-kompożizzjoni tal-fibri ta' prodotti tat-tessut u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 73/44/KEE u d-Direttivi 96/73/KE u 2008/121/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 272, 18.10.2011, p. 1).

ġewwa kif ukoll barra u kampanji fuq il-media soċjali, kif ukoll b'mezzi aktar innovattivi, bħall-aċċess elettroniku għal siti web ipprovdut permezz ta' kodicijjiet QR *u l-passaport tal-prodott diġitali*.

<sup>80</sup> L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jdaħħal in-numru ta' referenza ladarba jiġi adottat.

<sup>81</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1007/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2011 dwar l-ismijiet ta' fibri ta' tessuti u t-tikkettar u l-immarkar relatati tal-kompożizzjoni tal-fibri ta' prodotti tat-tessut u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 73/44/KEE u d-Direttivi 96/73/KE u 2008/121/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 272, 18.10.2011, p. 1).

## Emenda 22

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 27

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(27) Sabiex jiżdiedu ċ-ċirkolarità u s-sostenibbiltà ambjentali tat-tessuti u biex jitnaqqsu l-impatti negattivi fuq il-klima u l-ambjent, ir-Regolament .../... [L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jdaħħal in-numru tas-serje u l-istituzzjonijiet għar-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli, u lesti n-nota f'qiegħ il-paġna]<sup>82</sup> se jiżviluppa rekwiżiti vinkolanti tal-ekodisinn għall-prodotti tat-tessuti, li se, skont x'turi l-valutazzjoni tal-impatt li huwa ta' beneficiju għaż-żieda tas-sostenibbiltà ambjentali tat-tessuti, jirregola id-durabbiltà, l-użu mill-ġdid, il-possibbiltà ta' tiswija, u r-riċiklabbiltà mill-fibra għall-fibra tat-tessuti, u l-kontenut obbligatorju ta' fibra riċiklata fit-tessuti. Huwa se jirregola wkoll il-preżenza ta' sustanzi ta' tħassib biex jippermetti l-minimizzazzjoni u t-trċċċar tagħhom bil-

##### *Emenda*

(27) Sabiex jiżdiedu ċ-ċirkolarità u s-sostenibbiltà ambjentali tat-tessuti u biex jitnaqqsu l-impatti negattivi fuq il-klima u l-ambjent, ir-Regolament .../... [L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jdaħħal in-numru tas-serje u l-istituzzjonijiet għar-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli, u lesti n-nota f'qiegħ il-paġna]<sup>82</sup> se jiżviluppa rekwiżiti vinkolanti tal-ekodisinn għall-prodotti tat-tessuti, li se, skont x'turi l-valutazzjoni tal-impatt li huwa ta' beneficiju għaż-żieda tas-sostenibbiltà ambjentali tat-tessuti, jirregola id-durabbiltà, l-użu mill-ġdid, il-possibbiltà ta' tiswija, u r-riċiklabbiltà mill-fibra għall-fibra tat-tessuti, u l-kontenut obbligatorju ta' fibra riċiklata fit-tessuti. Huwa se jirregola wkoll il-preżenza ta' sustanzi ta' tħassib biex jippermetti l-minimizzazzjoni u t-trċċċar tagħhom bil-

għan li titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart u jittejjeb ir-riċiklaġġ, kif ukoll il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-fibri sintetiċi li jintefgħu fl-ambjent biex jitnaqqas b'mod sinifikanti r-rilaxx tal-mikroplastik. Fl-istess ħin, il-modulazzjoni tat-tariffi tar-responsabbiltà estiżha tal-produttur hija strument ekonomiku effettiv biex jinċentiva tfassil aktar sostenibbli tat-tessuti li jwassal għal tfassil ċirkolari mtejjeb. Sabiex jiġi pprovdut incēntiv sod għall-ekodisinn filwaqt li jitqiesu l-objettivi tas-suq intern u l-kompożizzjoni tas-settur tat-tessuti li huwa magħmul primarjament minn SMEs, huwa meħtieġ li jiġu armonizzati l-kriterji għall-modulazzjoni tat-tariffi tar-responsabbiltà estiżha tal-produttur abbażi tal-parametri l-aktar rilevanti tal-ekodisinn biex jippermettu t-trattament tat-tessuti f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart. Il-modulazzjoni tat-tariffi skont il-kriterji tal-ekodisinn jenħtieġ li tkun ibbażata fuq ir-rekwiżiti tal-Ekodisinn u l-metodoloġiji tal-kejl tagħhom li jiġu adottati skont ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli għall-prodotti tat-tessuti jew skont liġi oħra tal-Unjoni li tistabbilixxi kriterji armonizzati ta' sostenibbiltà u metodi ta' kejl għall-prodotti tat-tessuti u biss fejn jiġi adottati dawn tal-aħħar. Huwa xieraq li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta regoli armonizzati għall-modulazzjoni tat-tariffi biex tiżgura l-allinjament tal-kriterji tal-modulazzjoni tat-tariffi ma' dawk ir-rekwiżiti tal-prodott.

---

<sup>82</sup> L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jdaħħal in-numru ta' referenza ladarba jiġi adottat.

għan li titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart u jittejjeb ir-riċiklaġġ, kif ukoll il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-fibri sintetiċi li jintefgħu fl-ambjent biex jitnaqqas b'mod sinifikanti r-rilaxx tal-mikroplastik. Fl-istess ħin, il-modulazzjoni tat-tariffi tar-responsabbiltà estiżha tal-produttur hija strument ekonomiku effettiv biex jinċentiva tfassil aktar sostenibbli tat-tessuti li jwassal għal tfassil ċirkolari mtejjeb. Sabiex jiġi pprovdut incēntiv sod għall-ekodisinn filwaqt li jitqiesu l-objettivi tas-suq intern u l-kompożizzjoni tas-settur tat-tessuti li huwa magħmul primarjament minn SMEs, huwa meħtieġ li jiġu armonizzati l-kriterji għall-modulazzjoni tat-tariffi tar-responsabbiltà estiżha tal-produttur abbażi tal-parametri l-aktar rilevanti tal-ekodisinn biex jippermettu t-trattament tat-tessuti f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart, **kif ukoll fuq il-proporzjon tar-rilaxx tal-mikroplastiċi**. Il-modulazzjoni tat-tariffi skont il-kriterji tal-ekodisinn jenħtieġ li tkun ibbażata fuq ir-rekwiżiti tal-Ekodisinn u l-metodoloġiji tal-kejl tagħhom li jiġu adottati skont ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli għall-prodotti tat-tessuti jew skont liġi oħra tal-Unjoni li tistabbilixxi kriterji armonizzati ta' sostenibbiltà u metodi ta' kejl għall-prodotti tat-tessuti u biss fejn jiġi adottati dawn tal-aħħar. Huwa xieraq li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta regoli armonizzati għall-modulazzjoni tat-tariffi biex tiżgura l-allinjament tal-kriterji tal-modulazzjoni tat-tariffi ma' dawk ir-rekwiżiti tal-prodott.

---

<sup>82</sup> L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jdaħħal in-numru ta' referenza ladarba jiġi adottat.

### Emenda 23 Proposta għal direttiva Premessa 27a (ġidida)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(27a) L-introduzzjoni ta' Passaport tal-Prodott Diġitali, bħala għodda biex ittejjeb b'mod sinifikanti t-trċċċabbiltà tal-prodotti tat-tessuti tul il-katina tal-valur tagħhom, tista' tagħti s-setgħa lill-konsumaturi biex jagħmlu għażiż li informati billi tipprovdi aċċess aħjar għall-informazzjoni tal-prodott fir-rigward tal-ġestjoni ta' tniem il-ħajja. Dan se jippermetti wkoll lill-operaturi ekonomiċi jsegwu b'mod preċiż l-ammont ta' skart tat-tessuti ġġenerat, jassisti lill-Istati Membri fl-implementazzjoni u l-monitoraġġ tal-obbligi tal-ġbir separat għat-tessuti għall-użu mill-ġdid, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid, u r-riċiklaġġ f'konformità ma' dan ir-Regolament.**

#### **Emenda 24**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Premessa 28**

*Test propos mill-Kummissjoni*

(28) Sabiex jiġi mmonitorjat li l-produtturi jissodisfaw l-obbligi tagħhom relatati mal-obbligi finanzjarji, u organizzazzjonali tagħhom biex jiżguraw l-immaniġġar tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart li huma jqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru, jenħtieġ li jiġi stabbilit u ġestit reġistru tal-produtturi minn kull Stat Membru u li l-produtturi jkunu obbligati jirreġistraw. Ir-rekwiżiti u l-format tar-reġistrazzjoni jenħtieġ li jiġu armonizzati kemm jista' jkun madwar l-Unjoni kollha sabiex tīgi ffaċilitata r-reġistrazzjoni b'mod partikolari fejn il-produtturi jqiegħdu fis-suq prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u prodotti ta' xedd is-saqajn għall-ewwel darba f'diversi Stati Membri. L-informazzjoni fir-reġistru jenħtieġ li tkun aċċessibbli **għal dawk l-entitajiet li**

*Emenda*

(28) Sabiex jiġi mmonitorjat li l-produtturi jissodisfaw l-obbligi tagħhom relatati mal-obbligi finanzjarji, u organizzazzjonali tagħhom biex jiżguraw l-immaniġġar tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart li huma jqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru, jenħtieġ li jiġi stabbilit u ġestit reġistru tal-produtturi minn kull Stat Membru u li l-produtturi jkunu obbligati jirreġistraw. Ir-rekwiżiti u l-format tar-reġistrazzjoni jenħtieġ li jiġu armonizzati kemm jista' jkun madwar l-Unjoni kollha sabiex tīgi ffaċilitata r-reġistrazzjoni b'mod partikolari fejn il-produtturi jqiegħdu fis-suq prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u prodotti ta' xedd is-saqajn għall-ewwel darba f'diversi Stati Membri. L-informazzjoni fir-reġistru jenħtieġ li tkun

***għandhom rwol fil-verifika tal-konformità mal-obbligi ta' responsabbiltà estiżha tal-produttur u l-infurzar tagħhom.***

**Emenda 25**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 32**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(32) L-esportazzjonijiet tat-tessuti użati u tat-tessuti ta' skart barra mill-UE qed jiżdiedu b'mod kostanti bl-esportazzjonijiet li jirrappreżentaw l-akbar sehem tas-suq tal-użu mill-ġdid għat-tessuti ta' wara l-konsum iġġenerati fl-UE. Fid-dawl taż-żieda sinifikanti tal-iskart tat-tessuti miġbur wara l-introduzzjoni tal-ġbir separat sal-2025, huwa importanti li jissaħħu l-isforzi biex jiġu miċċielda l-vjeġġi illegali tal-iskart lejn pajjiżi terzi taparsi mhux skart bil-fini li tiġi żgurata protezzjoni ambjentali għolja. Filwaqt li wieħed ikompli jibni fuq ir-Regolament .../... [L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jdaħħal l-istituzzjonijiet u n-numru tas-serje, u jlesti n-nota f'qiegħ il-paġna għar-Regolament dwar il-Vjeġġi tal-iskart]<sup>84</sup> u fid-dawl tal-objettiv li jiġi żgurat l-immaniġġar sostenibbli tat-tessuti ta' wara l-konsum u jiġu indirizzati l-vjeġġi illegali tal-iskart, jenħtieġ li jiġi previst li l-prodotti tat-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn kollha miġbura separatament jgħaddu minn operazzjoni ta' separazzjoni qabel il-vjeġġi tagħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi previst li l-oġġetti tat-tessuti, l-oġġetti relatati mat-tessuti u l-oġġetti ta' xedd is-saqajn użati kollha li jingħabru separatament jitqiesu bħala skart u jkunu soġġetti għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-iskart, inkluż dwar il-vjeġġi tal-iskart, sakemm ikunu għaddew minn operazzjoni ta' separazzjoni minn operatur imħarreġ tas-separazzjoni għall-użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ. Is-separazzjoni jenħtieġ li titwettaq f'konformità mar-rekwiżiti

aċċessibbli **għall-pubbliku.**

*Emenda*

(32) L-esportazzjonijiet tat-tessuti użati u tat-tessuti ta' skart barra mill-UE qed jiżdiedu b'mod kostanti bl-esportazzjonijiet li jirrappreżentaw l-akbar sehem tas-suq tal-użu mill-ġdid għat-tessuti ta' wara l-konsum iġġenerati fl-UE. Fid-dawl taż-żieda sinifikanti tal-iskart tat-tessuti miġbur wara l-introduzzjoni tal-ġbir separat sal-2025, huwa importanti li jissaħħu l-isforzi biex jiġu miċċielda l-vjeġġi illegali tal-iskart lejn pajjiżi terzi taparsi mhux skart bil-fini li tiġi żgurata protezzjoni ambjentali għolja. Filwaqt li wieħed ikompli jibni fuq ir-Regolament .../... [L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jdaħħal l-istituzzjonijiet u n-numru tas-serje, u jlesti n-nota f'qiegħ il-paġna għar-Regolament dwar il-Vjeġġi tal-iskart]<sup>84</sup> u fid-dawl tal-objettiv li jiġi żgurat l-immaniġġar sostenibbli tat-tessuti ta' wara l-konsum u jiġu indirizzati l-vjeġġi illegali tal-iskart, jenħtieġ li jiġi previst li l-prodotti tat-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn kollha miġbura separatament jgħaddu minn operazzjoni ta' separazzjoni qabel il-vjeġġi tagħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi previst li l-oġġetti tat-tessuti, l-oġġetti relatati mat-tessuti u l-oġġetti ta' xedd is-saqajn użati kollha li jingħabru separatament jitqiesu bħala skart u jkunu soġġetti għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-iskart, inkluż dwar il-vjeġġi tal-iskart, sakemm ikunu għaddew minn operazzjoni ta' separazzjoni minn operatur imħarreġ tas-separazzjoni għall-użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ. Is-separazzjoni jenħtieġ li titwettaq f'konformità mar-rekwiżiti ***tal-istatus ta' tmiem l-iskart.*** Is-

armonizzati ta' separazzjoni li jipprovdu frazzjoni li tista' terġa' tintuża ta' kwalità għolja li tissodisfa l-ħtiġijiet tas-swieq riċeventi tat-tessuti użati fl-UE u globalment u billi jiġu stabbiliti kriterji biex issir distinzjoni bejn l-oġġetti użati u l-iskart. Il-vjeġġi tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn użati jenħtieġ li jkunu akkumpanjati minn informazzjoni li turi li dawk l-oġġetti jkunu l-output ta' separazzjoni jew tħejjija għal operazzjoni ta' użu mill-ġdid u li l-oġġetti huma tajbin għall-użu mill-ġdid.

separazzjoni jenħtieġ li titwettaq f'konformità mar-rekwiżiti armonizzati ta' separazzjoni li jipprovdu frazzjoni li tista' terġa' tintuża ta' kwalità għolja li tissodisfa l-ħtiġijiet tas-swieq riċeventi tat-tessuti użati fl-UE u globalment u billi jiġu stabbiliti kriterji biex issir distinzjoni bejn l-oġġetti użati u l-iskart. Il-vjeġġi tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn użati jenħtieġ li jkunu akkumpanjati minn informazzjoni li turi li dawk l-oġġetti jkunu l-output ta' separazzjoni jew tħejjija għal operazzjoni ta' użu mill-ġdid u li l-oġġetti huma tajbin għall-użu mill-ġdid **u jikkonformaw mar-regoli nazzjonali tal-pajjiż ta' destinazzjoni. Fl-istess ħin, jenħtieġ li jiġi rikonoxxut li mhux l-ilbies kollu użat li jista' jerġa' jintuża u li jiġi esportat jerġa' jintuża mill-ġdid fil-pajjiżi riċevituri u jista' jintrema mingħajr użu, u b'hekk jkun ta' piż għas-sistemi tal-immaniġġjar tal-iskart tal-pajjiżi riċevituri. Jenħtieġ li tingħata priorità lil miżuri addizzjonal biex jitnaqqsu l-esportazzjonijiet ta' tessuti użati billi jiġi mmassimizzat l-użu mill-ġdid lokali.**

---

<sup>84</sup> L-Uffiċċju tal-Publikazzjonijiet għandu jdaħħal in-numru ta' referenza ladarba jiġi adottat.

<sup>84</sup> L-Uffiċċju tal-Publikazzjonijiet għandu jdaħħal in-numru ta' referenza ladarba jiġi adottat.

## Emenda 26

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 33

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(33) Sabiex l-Istati Membri jilħqu l-miri stabbiliti f'din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jirrevedu l-programmi tagħhom għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel biex jinkludu miżuri ġoddha, li jinvolvu diversi sħab mis-setturi pubbliċi u privati, b'azzjonijiet koordinati mfassla biex jindirizzaw hotspots speċifiċi kif ukoll attitudnijiet u mgħiba li jwasslu għall-iskart

##### *Emenda*

(33) Sabiex l-Istati Membri jilħqu l-miri stabbiliti f'din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jirrevedu l-programmi tagħhom għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel biex jinkludu miżuri ġoddha, li jinvolvu diversi sħab mis-setturi pubbliċi u privati **inklużi l-produtturi, id-distributuri, il-fornituri, il-bejgħ bl-imnut u l-fornituri tas-servizzi tal-ikel, kif ukoll l-atturi tal-ekonomija**

tal-ikel. Fit-tħejjija ta' dawn il-programmi, l-Istati Membri jistgħu jieħdu ispirazzjoni mir-rakkomandazzjonijiet prodotti mill-Panel taċ-Ċittadini dwar il-Ħela tal-Ikel.

*soċjali u l-organizzazzjonijiet ambjentali u tal-konsumatur*, b'azzjonijiet koordinati mfassla biex jindirizzaw hotspots speċifiċi kif ukoll attitudnijiet u mgħiba li jwasslu għall-iskart tal-ikel. Fit-tħejjija ta' dawn il-programmi, l-Istati Membri jistgħu jieħdu ispirazzjoni mir-rakkomandazzjonijiet prodotti mill-Panel taċ-Ċittadini dwar il-Ħela tal-Ikel.

## Emenda 27

### Proposta għal direttiva Premessa 35a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(35a) Huwa kruċjali li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jkomplu jiżviluppaw, jappoġġaw u jespandu l-kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni eżistenti dwar il-prevenzjoni u l-immaniġġar tal-iskart u jintroduċu oħrajn ġodda. Filwaqt li s-sensibilizzazzjoni ġenerali fis-setturi kollha dwar l-importanza tal-prevenzjoni tal-iskart u l-immaniġġar xieraq tal-iskart qed tittejjeb, għad hemm bżonn li jsir aktar progress.*

## Emenda 28

### Proposta għal direttiva Premessa 36a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(36a) Sabiex tiġi ffaċilitata l-interpretazzjoni konsistenti tad-data dwar l-iskart tal-ikel u tar-rekwiżiti ta' rapportar mill-awtoritajiet nazzjonali, filwaqt li jiġi evitat piż amministrattiv mhux neċċessarju għall-operaturi fil-katina tal-provvista tal-ikel, il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta linji*

*gwida għall-interpretazzjoni tal-atti  
delegati, billi ssegwi l-eżempju tal-Gwida  
għall-kompilazzjoni u r-rapportar tad-  
data dwar l-iskart municipalil<sup>1a</sup> jew il-  
Gwida għall-kompilazzjoni u r-rapportar  
ta' data dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-  
imballaġġ<sup>1b</sup>;*

---

*<sup>1a</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, l-Eurostat,  
Gwida għall-kompilazzjoni u r-rapportar  
tad-data dwar l-iskart municipal skont id-  
Deċiżjonijiet ta' Implementazzjoni tal-  
Kummissjoni 2019/1004/KE u  
2019/1885/KE, u l-Kwestjonarju Konġunt  
tal-Eurostat u l-OECD (verżjoni 2023)  
<https://ec.europa.eu/eurostat/documents/342366/351811/Guidance+on+municipal+waste+data+collection/>*

*<sup>1b</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, il-Eurostat,  
Gwida għall-kompilazzjoni u r-rapportar  
ta' data dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-  
imballaġġ skont id-Deċiżjoni 2005/270/KE  
(verżjoni 2023)  
<https://ec.europa.eu/eurostat/documents/342366/351811/PPW+-+Guidance+for+the+compilation+and+reporting+of+data+on+packaging+and+packaging+waste.pdf/297d0cda-e5ff-41e5-855b-5d0abe425673?t=1621978014507>*

**Emenda 29**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 39a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(39a) Huwa importanti li l-  
implementazzjoni mill-Istati Membri tad-  
Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE\* titjieb  
b'mod sostanzjali u rapidu, peress li l-  
ħsara ambjentali fl-Unjoni, inklużi  
kwistionijiet transfruntiera, hija kkawżaata  
mill-prevalenza u l-emerġenza ta' siti ta'  
rimi illegali u landfills madwar Stati  
Membri differenti, bħal landfills li ma  
jissodisfawx l-istandards u r-rekwiżiti*

*stipulati f'dik id-Direttiva. Għalhekk, huwa xieraq li l-Kummissjoni tevalwa, tirrieżami u, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva biex temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE. Huwa importanti li l-evalwazzjoni tivvaluta modi kif jissaħħu d-dispożizzjonijiet ta' implantazzjoni.*

---

\* *Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma (ĠUL 182, 16.7.1999, p. 1).*

### Emenda 30

#### Proposta għal direttiva Premessa 40a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(40a) Huwa importanti li tiġi enfasizzata l-ħtieġa li l-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex iġġib l-immaniġġjar tal-iskart f'konformità mal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari u tikkunsidra reviżjoni li għandha l-għan li tiffoka fuq l-iskart mill-kura tas-sahħha, speċjalment l-iskart farmaċewtiku minn unitajiet domestiċi privati. Barra minn hekk, huwa importanti li jitnaqqusu, jerġgħu jintuża u jiġu riċiklati l-materjali tal-iskart mill-kura tas-sahħha biex jiġu mminimizzati l-impatt ambientali u t-tnejx tar-riżorsi tagħhom filwaqt li tiġi ssalvagwardjata ssahħha pubblika. Dan jgħin biex tiġi ssottolinjata d-dedikazzjoni tal-Unjoni għall-immaniġġjar responsabbi tal-iskart u biex il-faċilitajiet tal-kura tas-sahħha u l-industrija jsiru sieħeb kruċjali fl-isforzi usa' tal-Kummissjoni biex jitnaqqas l-iskart u tiġi promossa s-sostenibbiltà.*

### Emenda 31

#### Proposta għal direttiva

## **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 3 – paragrafu 8b (ġdid)

*Test proposi mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*8b. “intrapriża soċjali” tħisser entità tal-liġi privata awtonoma li tippordi oġġetti u servizzi għas-suq b’mod intraprenditorjali u f’konformità mal-prinċipji u l-karatteristiċi tal-ekonomija soċjali, b’objettivi soċjali jew ambjentali bħala r-raġuni għall-attività kummerċjali tagħha; l-intrapriżi soċjali jistgħu jiġu stabbiliti f’varjetà ta’ forom legali;*

## **Emenda 32**

**Proposta għal direttiva**

## **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagraphu 1

*Test proposi mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu l-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel fil-produzzjoni primarja, fl-ipproċessar u fil-manifattura, fil-bejgħ bl-imnut u distribuzzjoni oħra tal-ikel, fir-ristoranti u fis-servizzi tal-ikel kif ukoll fl-unitajiet domestiċi. Dawk il-miżuri għandhom jinkludu dan li ġej:

L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu l-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel ***tul il-katina tal-provvista kollha tal-ikel***, fil-produzzjoni primarja, fl-ipproċessar u fil-manifattura, fil-bejgħ bl-imnut u distribuzzjoni oħra tal-ikel, fir-ristoranti u fis-servizzi tal-ikel kif ukoll fl-unitajiet domestiċi. Dawk il-miżuri għandhom jinkludu, ***iżda ma jkunux limitati għal***, dan li ġej:

## **Emenda 33**

**Proposta għal direttiva**

## **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagraphu 1 – punt a

*Test proposi mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) l-iżvilupp u l-appoġġ ta’ interventi għall-bidla fl-imġiba biex jitnaqqas l-iskart

(a) l-iżvilupp u l-appoġġ ta’ interventi għall-bidla fl-imġiba biex jitnaqqas l-iskart

tal-ikel, u kampanji ta' informazzjoni għas-sensibilizzazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel;

tal-ikel, u kampanji ta' informazzjoni għas-sensibilizzazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel ***kif ukoll il-produzzjoni tal-ikel;***

### **Emenda 34**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) l-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ineffiċjenzi fil-funzjonament tal-katina tal-provvista tal-ikel u l-appoġġ għall-kooperazzjoni fost l-atturi kollha, filwaqt li tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta tal-kostijiet u tal-benefiċċċi tal-miżuri ta' prevenzjoni;

#### *Emenda*

(b) l-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ineffiċjenzi fil-funzjonament tal-katina tal-provvista tal-ikel u l-appoġġ għall-kooperazzjoni fost l-atturi kollha, filwaqt li tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta tal-kostijiet u tal-benefiċċċi tal-miżuri ta' prevenzjoni, ***li tista' tinkludi: - il-promozzjoni tal-frott u l-ħaxix b'difetti esterni li mhumiex konformi mal-istandardi tal-kummerċjalizzazzjoni tal-UE jew tal-UNECE, iżda li għadhom adattati u sikuri għall-konsum lokali jew dirett, kif stabbilit fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2429\* (frott u ħaxix “ikrah”); u l-indirizzar tal-prattiki tas-suq li jikkawżaw skart tal-ikel, inklużi dawk stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/633\*\* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;***

---

\* ***Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2429 tas-17 ta' Awwissu 2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill firrigward tal-istandardi tal-kummerċjalizzazzjoni għas-settur tal-frott u l-ħxejjex, għal ċerti prodotti tal-frott u tal-ħxejjex ipproċċessati u għas-settur tal-banana, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1666/1999 u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 u (UE) Nru 1333/2011 (ĠU L 2023/2429,***

*03.11.2023, ELI:*

*[http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2023/2429/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/2429/oj).*

\*\* *Id-Direttiva (UE) 2019/633 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet bejn in-neozji fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 59).*

### **Emenda 35**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) l-inkoraġġiment tad-donazzjoni tal-ikel u redistribuzzjoni *oħra* għall-konsum mill-bniedem, il-prioritizzazzjoni tal-użu mill-bniedem fuq l-għalf tal-annimali u l-ipproċessar mill-ġdid fi prodotti mhux alimentari;

#### *Emenda*

(c) l-inkoraġġiment, „tad-donazzjoni tal-ikel u *l-iżgurar tar-*redistribuzzjoni għall-konsum mill-bniedem, il-prioritizzazzjoni tal-użu mill-bniedem fuq l-għalf tal-annimali u l-ipproċessar mill-ġdid fi prodotti mhux alimentari;

### **Emenda 36**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(d) l-appoġġ għat-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet kif ukoll l-iffaċilitar tal-aċċess għal opportunitajiet ta' finanzjament, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-atturi tal-ekonomija soċjali.

#### *Emenda*

(d) l-appoġġ għat-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet, *inkluż fl-awtoritat jiet lokali*, kif ukoll l-iffaċilitar tal-aċċess għal opportunitajiet ta' finanzjament, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-atturi tal-ekonomija soċjali;

### **Emenda 37**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt da (ġidid)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(da) *l-inkoraġġiment u l-promozzjoni ta' innovazzjoni u soluzzjonijiet teknoloġiċi li jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel, bħall-imballaġġ intelliġenti maħsub biex jestendu l-ħajja fuq l-ixkaffa jew biex iżomm jew itejjeb il-kundizzjoni tal-ikel ippakkjat skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 450/2009\*, speċjalment waqt it-trasport u l-ħażna, u t-tikkettar tad-data aktar ċar fuq prodditi tal-ikel u għodod faċili għall-utent biex titnaqqas il-konfużjoni u jiġi f'faċilitat l-użu tal-marki tad-data, skont ir-Regolament (UE) 1169/2011, li jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tar-rimi bla bżonn ta' oġġetti tal-ikel li għadhom sikuri għall-konsum.*

---

\* *Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 450/2009 tad-29 ta' Mejju 2009 dwar materjali u oġġetti attivi u intelliġenti intenzjonati li jiġu f'kuntatt mal-ikel (ĠU L 135, 30.5.2009, p. 3).*

### **Emenda 38**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

*Test propos mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-atturi rilevanti kollha fil-katina tal-provvista jkunu involuti b'mod proporzjonal mal-kapaċitā u r-rwol tagħhom fil-prevenzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel tul il-katina tal-provvista tal-ikel, b'enfasi spċċifika fuq il-prevenzjoni tal-impatt sproporzjonat fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-atturi rilevanti kollha fil-katina tal-provvista jkunu involuti b'mod proporzjonal mal-kapaċitā u r-rwol tagħhom *fil-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel u* fil-prevenzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel tul il-katina tal-provvista tal-ikel, b'enfasi spċċifika fuq il-prevenzjoni tal-impatt sproporzjonat fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. *L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex*

*jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi jagħmlu disponibbli għad-donazzjoni ikel mhux mibjugħi li huwa sikur għall-konsum mill-bniedem.*

### **Emenda 39**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 9a – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw u jivvalutaw 1-implimentazzjoni tal-miżuri tagħhom għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel, inkluża l-konformità mal-miri għat-tnaqqis tal-ikel imsemmija fil-paragrafu 4, billi jkejlu l-livelli tal-iskart tal-ikel abbażi tal-metodoloġija stabbilita f'konformità mal-paragrafu 3.

#### *Emenda*

2. L-Istati Membri għandhom jimonitorjaw u jivvalutaw l-implimentazzjoni tal-miżuri tagħhom għall-prevenzjoni ***tal-iskart tal-ikel***, inkluża l-konformità mal-miri għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel imsemmija fil-paragrafu 4, billi jkejlu l-livelli tal-iskart tal-ikel abbażi tal-metodoloġija stabbilita f'konformità mal-paragrafu 3.

### **Emenda 40**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 9a – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38a biex tissupplimenta din id-Direttiva fir-rigward tal-istabbiliment ta' metodoloġija komuni u ta' rekwiżiti minimi ta' kwalità għall-kejl uniformi tal-livelli tal-iskart tal-ikel.

#### *Emenda*

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38a biex ***temenda d-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/1597*** u tissupplimenta din id-Direttiva fir-rigward tal-istabbiliment ta' metodoloġija komuni u ta' rekwiżiti minimi ta' kwalità għall-kejl uniformi tal-livelli tal-iskart tal-ikel.

### **Emenda 41**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 9a – paragrafu 3a (ġdid)

*Test proposi mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. Il-metodoloġija, il-metodi ta' kejl u d-data użati għall-kejl tal-livelli ta' skart tal-ikel imsemmija fil-paragrafu 3 għandhom ikunu disponibbli pubblikament.**

#### **Emenda 42**

##### **Proposta għal direttiva**

##### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 9a – paragrafu 4 – punt a

*Test proposi mill-Kummissjoni*

(a) titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel fl-ipproċessar u fil-manifattura b'**10 %** meta mqabbla mal-ammont iġġenerat fl-**2020**;

*Emenda*

(a) titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel fl-ipproċessar u fil-manifattura **b'mill-inqas 20 %** meta mqabbla mal-ammont iġġenerat **bħala medja annwali bejn l-**2020 u l-2022**.**

#### **Emenda 43**

##### **Proposta għal direttiva**

##### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 9a – paragrafu 4 – punt b

*Test proposi mill-Kummissjoni*

(b) titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel per capita, b'mod konġunt fil-bejgħ bl-imnut u distribuzzjoni oħra tal-ikel, fir-ristoranti u fis-servizzi tal-ikel u fl-unitajiet domestiċi, bi **30 %** meta mqabbla mal-ammont iġġenerat fl-**2020**.

*Emenda*

(b) titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel per capita, b'mod konġunt fil-bejgħ bl-imnut u distribuzzjoni oħra tal-ikel, fir-ristoranti u fis-servizzi tal-ikel u fl-unitajiet domestiċi, b'**mill-inqas 40 %** meta mqabbla mal-ammont iġġenerat **bħala medja annwali bejn l-**2020 u l-2022**.**

#### **Emenda 44**

##### **Proposta għal direttiva**

##### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 2008/98/KE

## Artikolu 9a – paragrafu 5

### *Test proposet mill-Kummissjoni*

5. Fejn Stat Membru jkun jista' jipprovdi data għal sena ta' referenza qabel l-2020, li tkun ingābret bl-użu ta' metodi komparabbi mal-metodoloġija u r-rekwiżiti minimi ta' kwalità għall-kejl uniformi tal-livelli tal-iskart tal-ikel kif stabbilit fid-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/1597, tista' tintuża sena ta' referenza aktar bikrija. L-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bl-intenzjoni tiegħu li juża sena ta' referenza aktar bikrija fi żmien 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva u għandu jipprovdi lill-Kummissjoni d-data u l-metodi ta' kejl użati biex jiġborha.

### *Emenda*

5. Fejn Stat Membru jkun jista' jipprovdi data għal sena ta' referenza qabel l-2020, li tkun ingābret bl-użu ta' metodi komparabbi mal-metodoloġija u r-rekwiżiti minimi ta' kwalità għall-kejl uniformi tal-livelli tal-iskart tal-ikel kif stabbilit fid-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/1597, tista' tintuża sena ta' referenza aktar bikrija. **Dik is-sena ta' referenza precedingi għandha tapplika għaż-żewġ miri msemmija fil-paragrafu 4, punti (a) u (b).** L-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bl-intenzjoni tiegħu li juża sena ta' referenza aktar bikrija fi żmien 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva u għandu jipprovdi lill-Kummissjoni d-data u l-metodi ta' kejl użati biex jiġborhom **u jagħmluhom disponibbli għall-pubbliku.**

## Emenda 45

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 9a – paragrafu 7a (ġidid)

### *Test proposet mill-Kummissjoni*

### *Emenda*

**7a. L-Istati Membri huma mħeġġa jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom biex jipprevjenu l-iskart tal-ikel u jaqsmu l-aħjar prattiki.**

## Emenda 46

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 9a – paragrafu 7b (ġidid)

### *Test proposet mill-Kummissjoni*

### *Emenda*

*7b. Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-livelli xierqa għall-istabbiliment ta' miri għat-tnaqqis tal-iskart kollu tal-ikel mill-produzzjoni primarja, inkluż ikel matur li jibqa' mhux miġbur jew użat fl-ajjendu agricolli. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport, akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposta leġiżlattiva, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*

#### **Emenda 47**

##### **Proposta għal direttiva**

##### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 9a – paragrafu 7c (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*7c. Sal-31 ta' Diċembru 2027, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tal-possibbiltà li tintroduċi mira vinkolanti ta' mill-inqas 30 % fir-rigward tal-Artikolu 9a(4), punt (a), u mill-inqas 50 % fir-rigward tal-Artikolu 9a(4), punt (b), li għandu jintlaħaq sal-2035 u jippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jista' jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva xierqa biex tiġi implementata tali mira.*

#### **Emenda 48**

##### **Proposta għal direttiva**

##### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġidid)**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(4a) Fl-Artikolu 10, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*

*2a. L-Istati Membri huma mħegħġa, fejn xieraq, jintroduċu għażla minn qabel ta' skart muniċipali imħallat biex jiġi jipprevjenu l-iskart, li jista' jiġi rkuprat*

*għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid, jew ir-riċiklaġġ, milli jintbagħat għall-inċinerazzjoni tal-iskart jew jintrema f'landfills.*

(<https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2008/98/oj/mlt>)

#### **Emenda 49**

##### **Proposta għal direttiva**

##### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4b (ġdid)**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 10 – paragrafu 4

*Test fīs-seħħħ*

*Emenda*

**(4b) Fl-Artikolu 10, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:**

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-iskart li jkun inġabar separatament għall-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ skont l-Artikolu 11(1) u l-Artikolu 22 ma jiġix inċinerat bl-eċċeazzjoni ta' skart li jirriżulta mit-trattament sussegwenti tal-iskart li jinġabar separatament li l-inċinerazzjoni tiegħi tagħi l-aħjar eżitu ambientali f'konformità mal-Artikolu 4.

“4. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-iskart li jkun inġabar separatament għall-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ skont l-Artikolu 11(1) u l-Artikolu 22 ma jiġix inċinerat **jew jintrema f'landfills** bl-eċċeazzjoni ta' skart li jirriżulta mit-trattament sussegwenti tal-iskart li jinġabar separatament li l-inċinerazzjoni tiegħi tagħi l-aħjar eżitu ambientali f'konformità mal-Artikolu 4.”

(<https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2008/98/oj/mlt>)

#### **Emenda 50**

##### **Proposta għal direttiva**

##### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagraphu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

5) fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1, it-tielet **sentenza** hija sostitwita b'dan li ġej:

Sogġġett għall-Artikolu 10(2) u (3), l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ġbir separat tal-inqas għall-karti, il-metall, il-plastik u l-ħġieġ.

*Emenda*

5) fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1, it-tielet **subparagrafu** huwa sostitwita b'dan li ġej:

Sogġġett għall-Artikolu 10(2) u (3), l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ġbir separat tal-inqas għall-karti, il-metall, il-plastik u l-ħġieġ **u, sal-1 ta' Jannar 2025, għat-tessuti, u għandhom ikunu mħeġġa**

*jistabbilixxu ġbir separat għal injam.*

(<https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2008/98/oj/mlt>)

## **Emenda 51**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġidid)**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 3a (ġidid)

*Test fīs-seħħħ*

*Emenda*

**5a) Fl-Artikolu 11, is-subparagrafu li ġej jiddaħħal wara t-tielet subparagrafu:**

*L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jkun hemm infrastruttura suffiċjenti għall-ġbir separat tal-iskart u li tkun aċċessibbli faċilment, għal kull tip ta' skart, u meta xieraq, għandhom iżidu l-għadd ta' punti ta' ġbir separat tal-iskart. Meta jkunu meħtieġa sistemi ta' ġbir ta' skart muniċipali għal titjib, l-Istati Membri għandhom jagħmlu dan mingħajr dewmien żejjed.”*

(<https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2008/98/oj/mlt>)

## **Emenda 52**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22a – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi jkollhom ir-responsabbiltà estiża tal-produttur għal prodotti tat-tessuti **tad-dar**, oġġetti tal-ilbies, aċċessorji tal-ħwejjeġ u xedd is-saqajn, ilbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ elenkti fl-Anness IVc (“prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi jkollhom ir-responsabbiltà estiża tal-produttur għal prodotti tat-tessuti, oġġetti tal-ilbies, aċċessorji tal-ħwejjeġ u xedd is-saqajn, ilbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ elenkti fl-Anness IVc (“prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u prodotti ta’ xedd is-

prodotti ta' xedd is-saqajn") li huma jqiegħdu għad-dispożizzjoni fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru, f'konformità mal-Artikoli 8 u 8a.

saqajn") li huma jqiegħdu għad-dispożizzjoni fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru, f'konformità mal-Artikoli 8 u 8a.

### **Emenda 53**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22a – paragrafu 1a (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1a. Sal-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat skont l-Artikolu 38a biex tissupplimenta din id-Direttiva fir-rigward tal-istabbiliment ta' regoli ulterjuri dwar l-istabbiliment ta' responsabbiltà estiżza tal-produttur għal tagħmir ta' protezzjoni personali kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*.*

---

*\* Ir-Regolament (UE) 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar tagħmir ta' protezzjoni personali u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE (ĠU L 81, 31.3.2016, p. 51).*

### **Emenda 54**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22a – paragrafu 1b (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1b. Sal-31 ta' Diċembru 2027, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' twapet u saqqijiet kif imsemmija fil-Parti 2a (ġidida) tal-Anness IVc, li l-kompożizzjoni ewlenija tagħhom hija t-tessuti, li jagħmlu disponibbli dawk it-twapet u saqqijiet fis-suq għall-ewwel darba fi ħdan it-territorju ta' Stat*

*Membru, għandu jkollu r-responsabbiltà estiżha tal-produttur skont l-Artikoli 8 u 8a. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu skema separata ta' responsabbiltà estiżha tal-produttur speċifikament għal dawk l-oġġetti.*

## Emenda 55

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22a – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38a biex temenda l-Anness IVc ta' din id-Direttiva sabiex iġġib il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda elenkti fl-Anness IVc ta' din id-Direttiva f'konformità mal-kodiċijiet elenkti fl-Anness 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87\*.

#### *Emenda*

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38a biex **tespandi l-ambitu tal-Anness IVc u** temenda l-Anness IVc ta' din id-Direttiva sabiex iġġib il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda elenkti fl-Anness IVc ta' din id-Direttiva f'konformità mal-kodiċijiet elenkti fl-Anness 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87\*.

## Emenda 56

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22a – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu **b'mod** ċar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi rilevanti involuti fl-implementazzjoni, fil-monitoraġġ u fil-verifika tal-iskema ta' responsabbiltà estiżha tal-produttur imsemmija fil-paragrafu 1.

#### *Emenda*

3. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu b'mod ċar, **inklużiv u bilanċjat, skont l-Artikolu 8a(1), punt (a),** ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi rilevanti involuti fl-implementazzjoni, fil-monitoraġġ u fil-verifika tal-iskema ta' responsabbiltà estiżha tal-produttur imsemmija fil-paragrafu 1. **L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-atturi rilevanti kollha jkunu involuti bis-sħiħ fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-iskema ta' responsabbiltà estiżha tal-produttur. Dawk l-atturi rilevanti**

*għandhom jinkludu:*

- (a) *produtturi li jqiegħdu prodotti fis-suq tal-Istat Membru;*
- (b) *organizzazzjonijiet li jimplimentaw obbligi ta' responsabbiltà estiżza tal-produttur f'isimhom;*
- (c) *operaturi privati jew pubbliċi tal-iskart;*
- (d) *awtoritajiet lokali;*
- (e) *operaturi tal-użu mill-ġdid u tat-tħejjija għall-użu mill-ġdid;*
- (f) *intrapriżi soċjali, inklużi intrapriżi soċjali lokali;*

### **Emenda 57**

#### **Proposta għal direttiva**

##### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22a – paragrafu 4 – punt a – punt 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) il-ġbir ta' **dawk** il-prodotti użati għall-użu mill-ġdid u l-ġbir separat tal-iskart tal-prodotti għat-**tħejjija** għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ f'konformità mal-Artikoli 22c u 22d,

*Emenda*

(1) il-ġbir tal-prodotti **tat-tessuti** użati għall-użu mill-ġdid u l-ġbir separat tal-prodotti **tat-tessuti** ta' skart għat-**tħejjija** għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ f'konformità mal-Artikoli 22c u 22d

### **Emenda 58**

#### **Proposta għal direttiva**

##### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22a – paragrafu 4 – punt a – punt 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

(2) it-trasport tat-tagħbijiet miġbura msemmija fil-punt (1) għas-separazzjoni sussegwenti għall-użu mill-ġdid, għat-**tħejjija** għall-użu mill-ġdid u **għall-operazzjonijiet** ta' riċiklaġġ f'konformità mal-Artikolu 22d,

*Emenda*

(2) it-trasport tat-tagħbijiet miġbura msemmija fil-punt (1) għas-separazzjoni sussegwenti għall-użu mill-ġdid, għat-**tħejjija** għall-użu mill-ġdid u l-operazzjonijiet ta' riċiklaġġ f'konformità mal-Artikolu 22d,

### **Emenda 59**

## **Proposta għal direttiva**

### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22a – paragrafu 4 – punt a – punt 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(3) is-separazzjoni, ***it-tħejjija*** għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u operazzjonijiet oħra ta' rkupru u r-rimi tat-tagħbijiet miġbura msemmija fil-punt (1),

#### *Emenda*

(3) is-separazzjoni, ***it-tħejjija*** għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u operazzjonijiet oħra ta' rkupru u r-rimi tat-tagħbijiet miġbura msemmija fil-punt (1),

## **Emenda 60**

### **Proposta għal direttiva**

### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22a – paragrafu 4 – punt a – punt 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) il-ġbir, it-trasport u t-trattament imsemmija fil-punti (1) u (2) tal-iskart iġġenerat minn intrapriżi soċjali u operaturi oħra ***mhux tal-iskart*** li huma parti mis-sistema ta' ġbir imsemmija fl-Artikolu 22c, il-paragrafi 5 u 11;

#### *Emenda*

(4) il-ġbir, it-trasport u t-trattament imsemmija fil-punti (1) u (2) tal-iskart iġġenerat minn intrapriżi soċjali u operaturi oħra li huma parti mis-sistema ta' ġbir imsemmija fl-Artikolu 22c, il-paragrafi 5 u 11;

## **Emenda 61**

### **Proposta għal direttiva**

### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Article 22a – paragrafu 4 – punt c

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) l-għoti ta' informazzjoni dwar il-konsum sostenibbli, il-prevenzjoni tal-iskart, l-użu mill-ġdid, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ, irkupru u rimi ieħor ta' prodotti tat-tessuti u ta' xedd is-saqajn f'konformità mal-Artikolu 22c(13)(14) u (17);

#### *Emenda*

(c) l-għoti ta' informazzjoni, ***inkluż permezz ta' kampanji ta' informazzjoni xierqa u xogħol ta' komunikazzjoni***, dwar il-konsum sostenibbli, il-prevenzjoni tal-iskart, l-użu mill-ġdid, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ, irkupru u rimi ieħor ta' prodotti tat-tessuti u ta' xedd is-saqajn f'konformità mal-Artikolu 22c(13)(14) u (17);

## **Emenda 62**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22a – paragrafu 4 – punt e

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) l-appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp biex jittejbu l-proċessi tas-separazzjoni u tar-riċiklaġġ, b'mod partikolari, bil-għan li jiżdied ir-riċiklaġġ mill-fibra ġħall-fibra, mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-Unjoni dwar l-ghajjnuna mill-Istat.

*Emenda*

(e) l-appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp biex jittejbu l-proċessi tas-separazzjoni u tar-riċiklaġġ **f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart imsemmija fl-*Artikolu 4*, b'mod partikolari, bil-għan li jiżdied ir-riċiklaġġ mill-fibra ġħall-fibra, mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-Unjoni dwar l-ghajjnuna mill-Istat.**

## **Emenda 63**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22a – paragrafu 4 – punt ea (għid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ea) operazzjonijiet ta' użu mill-ġdid u ta' tiswija, inklużi riċerka u żvilupp għat-titħejha tagħhom.**

## **Emenda 64**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22a – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn elenkti fl-Anness IVc ikopru l-kostijiet imsemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-*Artikolu fir-riġward* tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart elenkti fl-Anness IVc depożitati fil-punti ta' ġbir

*Emenda*

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn elenkti fl-Anness IVc ikopru l-kostijiet imsemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-*Artikolu fir-riġward* tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart elenkti fl-Anness IVc depożitati fil-punti ta' ġbir

stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 22c(5) u (11), fejn dawn il-prodotti jkunu tqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru wara [L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jdaħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja].

stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 22c(5) u (11), fejn dawn il-prodotti jkunu tqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru wara [L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jdaħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja], *inkluż kwalunkwe tessut użat u ta' skart li jistgħu jingħabru permezz ta' skemi privati ta' teħid lura u mbagħad aggregati ma' tessuti miġbura skont l-Artikolu 22c(5).*

### Emenda 65

#### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22a – paragrafu 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Il-kostijiet li għandhom jiġu koperti msemmija fil-paragrafu 4 ma għandhomx jaqbżu l-kostijiet li jkunu meħtieġa biex jiġu pprovduti s-servizzi msemmija f'dak il-paragrafu b'mod kosteffċienti u għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti bejn l-atturi kkonċernati.

#### *Emenda*

6. Il-kostijiet li għandhom jiġu koperti msemmija fil-paragrafu 4 ma għandhomx jaqbżu l-kostijiet li jkunu meħtieġa biex jiġu pprovduti s-servizzi msemmija f'dak il-paragrafu b'mod kosteffċienti **konsistenti mal-ġerarkija tal-iskart u għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti bejn l-atturi kkonċernati.**

### Emenda 66

#### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22a – paragrafu 6a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**6a. Fornituri ta' pjattaformi online li jippermettu lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod ma' kummerċjanti għandhom jiżgħuraw li l-produtturi tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn elenkti fl-Anness IVc għandhom jiġu rreġistrati fir-reġistru tal-produtturi msemmi fl-Artikolu 22b fl-Istat Membru fejn jinsab il-konsumatur, qabel ma**

*jqiegħdu l-prodotti minn dawk il-produtturi fuq il-pjattaformi tagħhom.*

## **Emenda 67**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22a – paragrafu 8

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jiġu stabbiliti sa [L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jdaħħal id-data ta' **tletin** xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja] f'konformità mal-Artikoli 8, 8a, 22a sa 22d.

#### *Emenda*

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jiġu stabbiliti sa [L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jdaħħal id-data ta' **tmintax-il** xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja] f'konformità mal-Artikoli 8, 8a, 22a sa 22d.

## **Emenda 68**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22b – paragrafu 1 – subparagraphu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-registrū jipprovdi links għal reġistri nazzjonali oħra biex tīgi ffaċilitata r-reġistrazzjoni tal-produtturi fl-Istati Membri kollha.

#### *Emenda*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-registrū jipprovdi links għal reġistri nazzjonali oħra biex tīgi ffaċilitata r-reġistrazzjoni tal-produtturi fl-Istati Membri kollha. ***Ir-registrū għandu jkun accċessibbli faċilment u b'xejn għall-pubbliku online.***

## **Emenda 69**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22b – paragrafu 2a (ġidid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**2a. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħra dwar il-link għar-reġistru nazzjonali fi żmien 30 jum mit-tnejha ta' dak ir-reġistru.**

## **Emenda 70**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22b – paragrafu 6 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) tirċievi l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-produtturi msemmija fil-paragrafu 2 permezz ta' sistema elettronika tal-ipproċessar tad-data li d-dettalji tagħha għandhom ikunu disponibbli fuq is-sit web tal-awtoritajiet kompetenti;

#### *Emenda*

(a) tirċievi l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-produtturi msemmija fil-paragrafu 2 permezz ta' sistema elettronika tal-ipproċessar tad-data li d-dettalji tagħha għandhom ikunu disponibbli **b'mod prominenti** fuq is-sit web tal-awtoritajiet kompetenti;

## **Emenda 71**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22b – paragrafu 9

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

9. **Fejn** l-informazzjoni fir-reġistru tal-produtturi **ma tkunx** aċċessibbli għall-pubbliku, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri ta' pjattaformi online li jippermettu lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod mal-produtturi jingħataw aċċess, b'xejn, għar-reġistru.

#### *Emenda*

9. L-informazzjoni fir-reġistru tal-produtturi **għandha tkun** aċċessibbli għall-pubbliku, **tista' tinqara mill-magni, tista' tiġi ssorjata u mfittxija, filwaqt li jiġu rrispettati l-istandardi mistuha għall-użu minn partijiet terzi.** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri ta' pjattaformi online li jippermettu lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod mal-produtturi jingħataw aċċess, b'xejn, għar-reġistru.

## **Emenda 72**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22b – paragrafu 9a (ġidid)

*Test proposi mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**9a.** *Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-fattibbiltà tal-istabbiliment ta' reġistru għall-Unjoni kollha għall-produtturi ta' prodotti tat-tessuti, relatati mat-tessuti u tax-xeddu is-saqajn elenkat i fl-Anness IVc. Dik il-valutazzjoni għandha tinkludi l-benefiċċji, l-isfidi u l-kapaċità amministrattiva potenzjali meħtieġa għall-implementazzjoni ta' tali reġistru għall-Unjoni kollha.*

**Emenda 73**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22ba (ġdid)

*Test proposi mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Artikolu 22ba**

***Linji gwida ta' rapportar għall-kumpaniji***

*Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa linji gwida komprensivi għall-produtturi ta' prodotti tat-tessuti, relatati mat-tessuti u taż-żraben biex jirrapportaw b'mod elettroniku lura lill-organizzazzjonijiet ta' responsabbiltà tal-produtturi l-informazzjoni meħtieġa msemmija fl-Artikolu 22c(13) u l-Artikolu 22c(17). Dawk il-linji gwida għandhom jinkludu mill-inqas:*

- (a) istruzzjonijiet ċari dwar l-iskedi ta' rappurtar biex jinkoraġġixxu s-sottomissjoni u l-analiżi f'waqthom tad-data;*
- (b) speċifikazzjonijiet għall-istruttura u l-format tar-rapportar tad-data biex jiġu żgurati l-uniformità, il-konsistenza, u l-faċilità tal-konsolidazzjoni tad-data għall-organizzazzonijiet tar-responsabbiltà tal-produtturi.*

## **Emenda 74**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22c – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jkun beħsiebhom iwettqu l-obbligi ta' responsabbiltà estiżha tal-produttur f'isem il-produtturi f'konformità mal-Artikoli 8a(3), 22a, 22b, 22d u dan l-Artikolu jiksbu awtorizzazzjoni minn awtorità kompetenti.

#### *Emenda*

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jkun beħsiebhom iwettqu l-obbligi ta' responsabbiltà estiżha tal-produttur f'isem il-produtturi f'konformità mal-Artikoli 8a(3), 22a, 22b, 22d u dan l-Artikolu jiksbu awtorizzazzjoni minn awtorità kompetenti. *Il-proċess ta' awtorizzazzjoni għandu jinkludi:*

- (a) *kriterji ċari għall-kwalifikasi u l-kompetenzi tal-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, inkluż li jiżguraw li jkollhom l-għarfien espert meħtieġ fl-immaniġġjar tal-iskart, issostenibbiltà u l-valutazzjoni tal-impatt ambjentali;*
- (b) *proċeduri dettaljati għas-soluzzjoni ta' tilwim jew kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu bejn l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi u l-produtturi, inklużi mekkaniżmi għall-appell ta' deċiżjonijiet.*

## **Emenda 75**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22c – paragrafu 3 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) ikunu bbażati fuq il-piż tal-prodotti kkonċernati u, għall-prodotti tat-tessuti elenkti fil-**Parti 1 tal-Anness IVc**, ikunu modulati abbażi tar-rekwiżiti tal-ekodisinn adottati skont ir-Regolament .../... tal-

#### *Emenda*

(a) ikunu bbażati fuq il-piż u **l-kwantità** tal-prodotti kkonċernati u, għall-prodotti tat-tessuti elenkti fl-Anness IVc, ikunu modulati abbażi tar-rekwiżiti tal-ekodisinn adottati skont ir-Regolament

Parlament Ewropew u tal-Kunsill [L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jdaħħal in-numru tas-serje għar-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli meta jiġi adottat]\*\* li huma l-aktar rilevanti għall-prevenzjoni tal-iskart tat-tessuti u għat-trattament tat-**tessuti** f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart u l-metodoloġiji ta' kejl korrispondenti għal dawk il-kriterji adottati skont dak ir-Regolament jew abbażi ta' li ġi oħra tal-Unjoni li tistabbilixxi kriterji ta' sostenibbiltà u metodi ta' kejl armonizzati għall-prodotti tat-tessuti, u li jiżguraw it-titjib tas-sostenibbiltà ambientali u cċirkolarità tat-tessuti;

.../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jdaħħal in-numru tas-serje għar-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli meta jiġi adottat]\*\* li huma l-aktar rilevanti għall-prevenzjoni tal-**iskart tat-tessuti** u għat-trattament tal-iskart tat-tessuti f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart u l-metodoloġiji ta' kejl korrispondenti għal dawk il-kriterji adottati skont dak ir-Regolament jew abbażi ta' li ġi oħra tal-Unjoni li tistabbilixxi kriterji ta' sostenibbiltà u metodi ta' kejl armonizzati għall-prodotti tat-tessuti, u li jiżguraw it-titjib tas-sostenibbiltà ambientali u cċirkolarità tat-tessuti;

## Emenda 76

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22c – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Fejn meħtieġ biex tiġi evitata d-distorsjoni tas-suq intern u tiġi żgurata l-konsistenza mar-rekwiżiti tal-ekodisinn adottati skont l-Artikolu 4 moqri flimkien mal-Artikolu 5 tar-Regolament.../... [L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet **jista'** jdaħħal in-numru tas-serje għar-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli meta jiġi adottat], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implementazzjoni li jistabbilixxu l-kriterji ta' modulazzjoni tat-tariffi għall-applikazzjoni tal-punt (a) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Dak l-att ta' implementazzjoni ma għandux jikkonċerna d-determinazzjoni preċiża tal-livell tal-kontribuzzjonijiet u għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(2) ta' din id-Direttiva.

#### *Emenda*

4. Fejn meħtieġ biex tiġi evitata d-distorsjoni tas-suq intern u tiġi żgurata l-konsistenza mar-rekwiżiti tal-ekodisinn adottati skont l-Artikolu 4 moqri flimkien mal-Artikolu 5 tar-Regolament.../... [L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet idaħħal in-numru tas-serje għar-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli meta jiġi adottat], il-Kummissjoni **għandha** tadotta atti ta' implementazzjoni li jistabbilixxu l-kriterji ta' modulazzjoni tat-tariffi għall-applikazzjoni tal-punt (a) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Dak l-att ta' implementazzjoni ma għandux jikkonċerna d-determinazzjoni preċiża tal-livell tal-kontribuzzjonijiet u għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(2) ta' din id-Direttiva.

## **Emenda 77**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22c – paragrafu 5 – subparagraphu 1 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) tiżgura l-ġbir, b'xejn, ta' dawn il-prodotti tat-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart miġbura fil-punti ta' ġbir konnessi, bi frekwenza li tkun proporzjonata għaż-żona koperta u l-volum ta' dawn il-prodotti tat-tessuti u l-prodotti **ta' xedd is-saqajn** użati u ta' skart li normalment jinġabru permezz ta' dawk il-punti ta' ġbir;

#### *Emenda*

(b) tiżgura l-ġbir, **bi skeda adattabbi li taġġusta d-domanda**, mingħajr ħlas, ta' dawn il-prodotti tat-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart miġbura fil-punti ta' ġbir konnessi, bi frekwenza li tkun proporzjonata għaż-żona koperta u l-volum ta' dawn il-prodotti tat-tessuti użati u ta' skart li normalment jinġabru permezz ta' dawk il-punti ta' ġbir;

## **Emenda 78**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22c – paragrafu 5 – subparagraphu 1 – punt c

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) tiżgura l-ġbir, b'xejn, tal-iskart iġġenerat mill-intrapriżi soċjali u minn operatori oħra **mhux tal-iskart** minn dawn il-prodotti tat-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn miġbura permezz tal-punti ta' ġbir konnessi.

#### *Emenda*

(c) tiżgura l-ġbir, b'xejn, tal-iskart iġġenerat mill-intrapriżi soċjali u minn operatori oħra minn dawn il-prodotti tat-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn miġbura permezz tal-punti ta' ġbir konnessi **kif ukoll jippromwovu l-koordinazzjoni sħiħa bejn l-intrapriżi soċjali u l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi.**

## **Emenda 79**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22c – paragrafu 8

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

8. Ir-rata ta' ġbir separat imsemmija

#### *Emenda*

8. Ir-rata ta' ġbir separat imsemmija

fil-paragrafu 6(c) għandha tīgħi kkalkolata bħala l-perċentwal miksub bid-diviżjoni tal-piż ta' prodotti tat-tessuti ta' skart, ta' prodotti relatati mat-tessuti u ta' prodotti ta' xedd is-saqajn elenkti fl-Anness IVc miġbura f'konformità mal-paragrafu 5 f'sena kalendarja partikolari fi Stat Membru bil-piż ta' dawn il-prodotti tat-tessuti ***ta' skart***, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn ***li jiġi għgenerat u miġbur bħala skart muniċipali mħallat.***

fil-paragrafu 6(c) għandha tīgħi kkalkolata bħala l-perċentwal miksub bid-diviżjoni tal-piż ta' prodotti tat-tessuti ta' skart, ta' prodotti relatati mat-tessuti u ta' prodotti ta' xedd is-saqajn elenkti fl-Anness IVc miġbura f'konformità mal-paragrafu 5 f'sena kalendarja partikolari fi Stat Membru bil-piż ta' dawn il-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn ***li jkunu disponibbli fis-suq f'sena kalendarja partikolari fi Stat Membru.***

## Emenda 80

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22c – paragrafu 9

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

9. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' ***implementazzjoni*** li jistabbilixxu l-metodoloġija għall-kalkolu u għall-verifika tar-rata ta' ġbir separat msemmija fil-paragrafu 6(c) ta' dan l-Artikolu. Dak l-att ta' ***implementazzjoni*** għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' ***eżami*** msemmija fl-Artikolu ***39(2)***.

#### *Emenda*

9. ***Sa ... /I2-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja/*** il-Kummissjoni għandha tadotta atti ***delegati*** li jistabbilixxu l-metodoloġija għall-kalkolu u għall-verifika tar-rata ta' ġbir separat msemmija fil-paragrafu 6(c) ta' dan l-Artikolu. Dak l-att ***delegat*** għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' ***eżami*** msemmija fl-Artikolu ***38a***.

## Emenda 81

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22c – paragrafu 10

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi ma jkunux jistgħu jirrifjutaw il-parteċipazzjoni ta' intrapriżi soċjali u ta' operaturi oħra tal-użu mill-ġdid fis-sistema ta' ġbir separat stabbilita skont il-paragrafu

#### *Emenda*

10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi ma jkunux jistgħu jirrifjutaw il-parteċipazzjoni tal-***awtoritajiet pubbliċi lokali kif ukoll ta'*** intrapriżi soċjali u ta' operaturi oħra ta' ***tħejjija għall-użu mill-ġdid jew*** tal-użu mill-ġdid fis-sistema ta'

5.

ġbir separat stabbilita skont il-paragrafu 5.

## Emenda 82

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22c – paragrafu 11

#### Test propost mill-Kummissjoni

11. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5(a) u (b), u l-paragrafu 6(a), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-intrapriżi soċjali jkunu jistgħu jżommu u joperaw il-punti ta' ġbir separat tagħhom u li jingħataw trattament ugħwali jew preferenzjali fil-post tal-punti ta' ġbir separat. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-intrapriżi soċjali u l-entitajiet tal-ekonomija soċjali li jkunu parti mill-punti ta' ġbir konnessi f'konformità mal-paragrafu 6(a) ma jkunux meħtieġa jgħaddu l-prodotti tat-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart miġbura, elenkti fl-Anness IVc lill-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi.

#### Emenda

11. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5(a) u (b), u l-paragrafu 6(a), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-intrapriżi soċjali jkunu jistgħu jżommu u joperaw il-punti ta' ġbir separat tagħhom u li jingħataw trattament ugħwali jew preferenzjali fil-post tal-punti ta' ġbir separat. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li *l-awtoritatjiet lokali*, l-intrapriżi soċjali u l-entitajiet tal-ekonomija soċjali li jkunu parti mill-punti ta' ġbir konnessi f'konformità mal-paragrafu 6(a) ma jkunux meħtieġa jgħaddu l-prodotti tat-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart miġbura, *prodotti* elenkti fl-Anness IVc lill-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi.

## Emenda 83

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22c – paragrafu 12

#### Test propost mill-Kummissjoni

12. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-punti ta' ġbir stabbiliti f'konformità mal-paragrafi 5, 6 u 11 *ma jkunux* soġġetti għar-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni *jew* ta' permess ta' din id-Direttiva.

#### Emenda

12. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-punti ta' ġbir stabbiliti f'konformità mal-paragrafi 5, 6 u 11 jkunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni *u* ta' permess ta' din id-Direttiva.

## Emenda 84

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22c – paragrafu 13 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) l-arranġamenti għall-użu mill-ġdid u t-tiswija disponibbli għat-tessuti u għax-xedd is-saqajn;

*Emenda*

(b) l-arranġamenti għall-użu mill-ġdid u t-tiswija disponibbli għat-tessuti u għax-xedd is-saqajn, *inkluż il-post tal-punti ta’ ġbir u kif għandhom jingħataw b’donazzjoni t-tessuti b’mod korrett;*

**Emenda 85**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22c – paragrafu 13 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) ir-rwol tal-konsumaturi biex jikkontribwixxu għall-ġbir separat tat-tessuti u tax-xedd is-saqajn użati u ta’ skart;

*Emenda*

(c) ir-rwol tal-konsumaturi biex jikkontribwixxu **b’mod korrett** għall-ġbir separat tat-tessuti u tax-xedd is-saqajn użati u ta’ skart;

**Emenda 86**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22c – paragrafu 14 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

14. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjoni b’kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi tipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 13 fuq bażi regolari, li l-informazzjoni tkun aġġornata **u tiġi pprovduta permezz ta’:**

*Emenda*

14. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjoni b’kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi tipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 13 fuq bażi regolari, li l-informazzjoni tkun aġġornata **fil-punt tal-bejgħ u ssir aċċessibbli permezz tal-mezzi li ġejjin, iżda mhux limitata għalihom:**

**Emenda 87**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE  
Artikolu 22c – paragrafu 14 – punt a

*Test propos mill-Kummissjoni*

- (a) sit web jew mezz ieħor ta' komunikazzjoni elettronika;

*Emenda*

- (a) sit web **aċċessibbli għall-pubbliku u faċili għall-utent** jew mezz ieħor ta' komunikazzjoni elettronika;

**Emenda 88**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22c – paragrafu 14 – punt b

*Test propos mill-Kummissjoni*

- (b) informazzjoni fl-ispazji pubbliċi;

*Emenda*

- (b) informazzjoni fl-ispazji pubbliċi **u fil-punt ta' ġbir;**

**Emenda 89**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22c – paragrafu 14 – punt c

*Test propos mill-Kummissjoni*

- (c) programmi u kampanji edukattivi;

*Emenda*

- (c) **l-involviment tal-komunità permezz ta'** programmi u kampanji edukattivi;

**Emenda 90**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22c – paragrafu 15

*Test propos mill-Kummissjoni*

Fejn, fi Stat Membru, diversi organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jkunu awtorizzati jwettqu l-obbligi ta' responsabbiltà estiżha tal-produttur f'isem il-produtturi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn ikopru t-territorju kollu

15. Fejn, fi Stat Membru, diversi organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jkunu awtorizzati jwettqu l-obbligi ta' responsabbiltà estiżha tal-produttur f'isem il-produtturi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn ikopru t-territorju kollu

tal-Istat Membru tas-sistema ta' għbir separat għall-prodotti tat-tessuti, għall-prodotti relatati mat-tessuti u għall-prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart elenkti fl-Anness IVc. L-Istati Membri għandhom jinkarigaw lill-awtorità kompetenti jew jaħtru parti terza indipendenti biex tissorvelja li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jwettqu l-obbligi tagħhom b'mod koordinat u f'konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

tal-Istat Membru, ***bil-għan ta' kwalità tas-servizz uniformi fit-territorju kollu*** tas-sistema ta' għbir separat għall-prodotti tat-tessuti, għall-prodotti relatati mat-tessuti u għall-prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart elenkti fl-Anness IVc. L-Istati Membri, ***inklużi dawk fejn organizzazzjoni waħda biss b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi tkun awtorizzata tissodisfa l-obbligi ta' responsabbiltà estiżha tal-produttur f'isem il-produtturi***, għandhom jinkarigaw lill-awtorità kompetenti jew jaħtru parti terza indipendenti biex tissorvelja li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jwettqu l-obbligi tagħhom b'mod koordinat u f'konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

## Emenda 91

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22c – paragrafu 16

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

16. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jiżguraw il-kunfidenzjalità tad-data fil-pussess tagħhom fir-rigward tal-informazzjoni proprjetarja jew tal-informazzjoni direttament attribwibbli lil produtturi individwali jew lir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom.

#### *Emenda*

16. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jiżguraw il-kunfidenzjalità tad-data fil-pussess tagħhom fir-rigward tal-informazzjoni proprjetarja jew tal-informazzjoni direttamente attribwibbli lil produtturi individwali jew lir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom. ***Dik il-kunfidenzjalità għandha tinżamm matul il-proċessi kollha tat-trattament, tal-ħażin u tar-rapportar tad-data, b'miżuri ta' sigurtà robusti u standards tal-protezzjoni tad-data stabbiliti biex jiġi pprevenut aċċess mhux awtorizzat jew ksur potenzjali tad-data.***

## Emenda 92

## **Proposta għal direttiva**

### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22c – paragrafu 17 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) mill-anqas kull sena, soġġett għall-kunfidenzjalità kummerċjali u industrijali, l-informazzjoni dwar l-ammont ta' prodotti introdotti fis-suq, ir-rata tal-ġbir separat tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart elenkti fl-Anness IVc, inklużi prodotti mhux mibjugħha bħal dawn, dwar ir-rati tal-użu mill-ġdid, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, li tispeċifika separatament ir-rata ta' riċiklaġġ mill-fibra għall-fibra, miksuba mill-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, u dwar ir-rati ta' rkupru, rimi u esportazzjonijiet oħra;

#### *Emenda*

(a) mill-anqas kull sena, soġġett għall-kunfidenzjalità kummerċjali u industrijali, l-informazzjoni dwar l-ammont **u l-piż** ta' prodotti introdotti fis-suq, ir-rata tal-ġbir separat tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart elenkti fl-Anness IVc, inklużi prodotti mhux mibjugħha bħal dawn **u l-kwantitatiet ta' skart tat-tessuti miġbur minn intrapriżi soċċali**, dwar ir-rati tal-użu mill-ġdid, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, li tispeċifika separatament ir-rata ta' riċiklaġġ mill-fibra għall-fibra, miksuba mill-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, u dwar ir-rati ta' rkupru, rimi u esportazzjonijiet oħra;

## **Emenda 93**

### **Proposta għal direttiva**

### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22c – paragrafu 17 – punt ba (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**(ba) data ċara u konċiża dwar l-impatt ambjentali tal-prodotti tat-tessuti, dawk relatati mat-tessuti u max-xedd is-saqajn, inkluż l-impatt fuq l-ambjent u s-sahħha tal-bniedem, b'mod partikolari fir-rigward tal-prattiki u l-konsum tal-modha mghagħġla, ir-riċiklaġġ u rkupru ieħor, u r-rimi; dik l-informazzjoni għandha tindirizza wkoll ir-rimi mhux xieraq tat-tessuti ta' skart u tax-xedd is-saqajn, bħar-rimi taż-żibel jew ir-rimi fi skart muniċipali mħallat, u l-passi meħuda biex jittaffew dawn l-impatti.**

## **Emenda 94**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22c – paragrafu 18

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

18. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jipprevedu proċedura tal-ġhażla mhux diskriminatorja, ibbażata fuq kriterji trasparenti tal-ġhoti, mingħajr ma jpoġġu piż sproporzjonat fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ***biex jakkwistaw servizzi tal-immaniġġar tal-iskart mill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart imsemmija fil-paragrafu 6(a) u mill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart biex iwettqu trattament sussegwenti tal-iskart.***

#### *Emenda*

18. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jipprevedu proċedura tal-ġhażla ***trasparenti u*** mhux diskriminatorja ***għall-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart,*** ibbażata fuq kriterji ***ċari, ġusti u*** trasparenti tal-ġhoti, mingħajr ma jpoġġu ***ebda*** piż sproporzjonat fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (***SMEs***), ***filwaqt li jikkunsidraw ir-realtajiet operattivi tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart u tiżgura aċċess ekwu għas-servizzi tal-immaniġġar tal-iskart.***

## **Emenda 95**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22d – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, sal-1 ta' Jannar 2025 u soġġett għall-Artikolu 10(2) u (3), il-ġbir separat tat-tessuti għall-użu mill-ġdid, ***għat-tħejjija*** għall-użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ.

#### *Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, sal-1 ta' Jannar 2025 u soġġett għall-Artikolu 10(2) u (3), il-ġbir separat tat-tessuti għall-użu mill-ġdid, ***għat-tħejjija*** għall-użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ.

## **Emenda 96**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22d – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura u l-operazzjonijiet tal-ġbir, tat-tagħbija u tal-ħatt, tat-trasport u tal-ħżin **u ta'** mmaniġġar ieħor tal-iskart tat-tessuti, inkluż f'operazzjonijiet sussegwenti ta' separazzjoni u ta' trattament, **jirċievu** protezzjoni mill-kundizzjonijiet tat-temp u sorsi oħra ta' kontaminazzjoni biex jiġu evitati l-ħsara u l-kontaminazzjoni kroċjata tat-tessuti miġbura. It-tessuti użati u t-tessuti ta' skart miġbura separatament għandhom ikunu soġġetti għal skrinjar fil-punt tal-ġbir separat **biex jiġu** identifikati u jitneħħew ogħġetti jew materjali **jew** sustanzi mhux fil-mira li jkunu **sors** ta' kontaminazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura u l-operazzjonijiet tal-ġbir, tat-tagħbija u tal-ħatt, tat-trasport u tal-ħżin **kif ukoll il-proċessi** l-oħra **kollha** ta' mmaniġġar ieħor tal-iskart tat-tessuti, inkluż l-operazzjonijiet sussegwenti ta' separazzjoni u ta' trattament, **jirċievu** protezzjoni **adegwata** mill-kundizzjonijiet **ħżiena** tat-temp u sorsi **potenzjali** oħra ta' kontaminazzjoni **bħal sustanzi niġgħiesa, sustanzi kimiċi jew materjali perikolużi biex** jiġu evitati l-ħsara u l-kontaminazzjoni kroċjata **tal-prodotti tat-tessuti użati** miġbura **u l-iskart tal-prodotti tat-tessuti**. It-tessuti użati u t-tessuti ta' skart miġbura separatament għandhom ikunu soġġetti għal **proċess rigoruż u professjonal** ta' skrinjar fil-punt tal-ġbir separat. **Dak l-iskrinjar għandu** jidentifika u jneħħi ogħġetti jew materjali mhux fil-mira, **kif ukoll** sustanzi li jkunu **sorsi potenzjali** ta' kontaminazzjoni.

## Emenda 97

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22d – paragrafu 3 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Fir-rigward tat-tessuti għajr il-prodotti elenkti fl-Anness IVc, kif ukoll il-prodotti tat-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn mhux mibjugħha elenkti fl-Anness IVc, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-frazzjonijiet differenti tal-materjali tat-tessuti u tal-ogħġetti tat-tessuti jinżammu separati fil-punt tal-ġenerazzjoni tal-iskart meta din is-separazzjoni tiffaċilita l-użu mill-ġdid, **it-tħejjija** għall-użu mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ sussegwenti, inkluż ir-riċiklaġġ mill-fibra għall-fibra fejn il-progress teknoloġiku jippermetti.

#### *Emenda*

Fir-rigward tat-tessuti għajr il-prodotti elenkti fl-Anness IVc, kif ukoll il-prodotti tat-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti, u l-prodotti ta' xedd is-saqajn mhux mibjugħha elenkti fl-Anness IVc, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-frazzjonijiet differenti tal-materjali tat-tessuti u tal-ogħġetti tat-tessuti jinżammu separati fil-punt tal-ġenerazzjoni tal-iskart meta din is-separazzjoni tiffaċilita l-użu mill-ġdid, **it-tħejjija** għall-użu mill-ġdid, jew ir-riċiklaġġ sussegwenti. **Dik is-separazzjoni għandha titwettaq b'mod effiċjenti biex jiġu massimizzati l-irkuppru tar-riżorsi u l-benefiċċċi ambjentali**, inkluż ir-riċiklaġġ mill-fibra għall-fibra fejn il-

progress teknoloġiku jippermetti u ***b'mod kosteffettiv.***

## Emenda 98

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22d – paragrafu 5 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) l-operazzjonijiet tas-separazzjoni għall-użu mill-ġdid jiseparaw l-oġġetti tat-tessuti f'livell xieraq ta' granularità, billi jiseparaw il-frazzjonijiet li jkunu tajbin għall-użu mill-ġdid dirett minn dawk li għandhom ikunu soġġetti għal aktar operazzjonijiet ta' tħejjija għall-użu mill-ġdid, jimmiraw suq spċifiku ta' użu mill-ġdid billi japplikaw kriterji ta' separazzjoni aġġornati rilevanti għas-suq riċeventi;

#### *Test mhux emendat inkluż fil-kompromess*

(b) l-operazzjonijiet tas-separazzjoni għall-użu mill-ġdid jiseparaw l-oġġetti tat-tessuti f'livell xieraq ta' granularità, ***li jippermetti s-separazzjoni ta' oġġett***, billi jiseparaw il-frazzjonijiet li jkunu tajbin għall-użu mill-ġdid dirett minn dawk li għandhom ikunu soġġetti għal aktar operazzjonijiet ta' tħejjija għall-użu mill-ġdid, jimmiraw suq spċifiku ta' użu mill-ġdid billi japplikaw kriterji ta' separazzjoni aġġornati rilevanti għas-suq riċeventi;

## Emenda 99

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22d – paragrafu 5 – punt c

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) l-oġġetti li jiġu vvalutati bħala mhux xierqa għall-użu mill-ġdid jiġu magħżula għar-riċiklaġġ u, fejn il-progress teknoloġiku jippermetti, ***spċifikament għar-riċiklaġġ mill-fibra għall-fibra.***

#### *Emenda*

(c) l-oġġetti li jiġu vvalutati bħala mhux xierqa għall-użu mill-ġdid jiġu magħżula għar-riċiklaġġ u, fejn il-progress teknoloġiku jippermetti, ***f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart stabbilita fl-Artikolu 4(1), jagħtu prijorità lill-aġġornament u riproduzzjoni fuq ir-riċiklaġġ mill-fibra għall-fibra.***

## Emenda 100

### Proposta għal direttiva

## **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22d – paragrafu 5 – subparagrafu 1a (għid)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu mekkaniżmi għall-monitoraġġ u l-awditjar regolari tal-operazzjonijiet ta' separazzjoni biex jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-punti (a), (b), (c), u (d).**

## **Emenda 101**

**Proposta għal direttiva**

## **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22d – paragrafu 5a (għid)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5a. L-operazzjoni ta' separazzjoni għandha ssegwi l-prinċipju tal-proximità, tagħti prioritā lis-separazzjoni lokali u timminimizza l-impatti ambientali mit-trasport.**

## **Emenda 102**

**Proposta għal direttiva**

## **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22d – paragrafu 6

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

6. Sal-31 ta' Diċembru 2025 u kull **ħames** snin wara dan, l-Istati Membri għandhom iwettqu stħarriġ dwar il-kompożizzjoni tal-iskart muniċipali mħallat miġbur biex jiddeterminaw is-sehem tat-tessuti ta' skart fih. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, abbażi tal-informazzjoni miksuba, l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jirrikjedu li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jieħdu azzjoni korrettiva biex iżidu n-

6. Sal-31 ta' Diċembru 2025 u kull **tliet** snin wara dan, l-Istati Membri għandhom iwettqu stħarriġ dwar il-kompożizzjoni tal-iskart muniċipali mħallat miġbur biex jiddeterminaw is-sehem u **l-kompożizzjoni skont l-Anness IVc** tat-tessuti ta' skart fih. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, abbażi tal-informazzjoni miksuba, l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jirrikjedu li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jieħdu azzjoni korrettiva biex iżidu n-

network tagħhom ta' punti ta' ġbir u jwettqu kampanji ta' informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 22c(13) u (14).

jieħdu azzjoni korrettiva biex iżidu network tagħhom ta' punti ta' ġbir u jwettqu kampanji ta' informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 22c(13) u (14). *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati ta' dan l-istħarriġ ikunu disponibbli għall-pubbliku.*

### Emenda 103

#### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22d – paragrafu 7

#### Test propost mill-Kummissjoni

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sabiex issir distinzjoni bejn it-tessuti użati u **t-tessuti** ta' skart, il-vjeġġi tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn użati li jkunu ssuspettati li huma skart **jistgħu** jiġu spezzjonati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għall-konformità mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-paragrafi 8 u 9 għall-vjeġġi tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn użati elenkti fl-Anness IVc u jiġu mmonitorjati kif xieraq.

#### Emenda

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sabiex issir distinzjoni bejn it-tessuti użati u **t-tessuti** ta' skart, il-vjeġġi tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn użati li jkunu ssuspettati li huma skart **għandhom** jiġu spezzjonati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għall-konformità mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-paragrafi 8 u 9 għall-vjeġġi tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn użati elenkti fl-Anness IVc u jiġu mmonitorjati kif xieraq.

### Emenda 104

#### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22d – paragrafu 8 – punt d

#### Test propost mill-Kummissjoni

(d) protezzjoni xierqa kontra l-ħsara waqt it-trasport, it-tagħbija u l-ħatt, b'mod partikolari, permezz ta' imballaġġ suffiċjenti u stivar xieraq tat-tagħbija.

#### Emenda

(d) protezzjoni xierqa kontra l-ħsara waqt it-trasport, it-tagħbija u l-ħatt, b'mod partikolari, permezz ta' imballaġġ suffiċjenti u stivar xieraq tat-tagħbija, **filwaqt li jiġi żgurat li l-integrità u l-kwalità tat-tessuti għall-użu mill-ġdid jinżammu matul il-proċess kollu tat-**

*trasport.*

## **Emenda 105**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22d – paragrafu 9 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) ir-rekord tal-operazzjonijiet ta' separazzjoni jew **ta' tħejjija** għall-użu mill-ġdid għandu jitwaħħal b'mod sikur iżda mhux permanenti fuq l-imballaġġ;

#### *Emenda*

(a) ir-rekord tal-operazzjonijiet ta' separazzjoni jew **ta' tħejjija** għall-użu mill-ġdid għandu jitwaħħal b'mod sikur iżda mhux permanenti fuq l-imballaġġ;

## **Emenda 106**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22d – paragrafu 9 – punt b – punt 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(1) deskrizzjoni tal-oġġett jew tal-oġġetti preżenti fil-ball li tirrifletti l-granularità tal-għażla l-aktar dettaljata li l-oġġetti tat-tessuti jkunu għaddew minnha matul l-operazzjonijiet ta' separazzjoni jew **ta' tħejjija** għall-użu mill-ġdid **bħat**-tip ta' ħwejjeġ, id-daqs, il-kulur, il-ġeneru, il-kompożizzjoni tal-materjali,

#### *Emenda*

(1) deskrizzjoni **komprensiva** tal-oġġetti preżenti fil-ball li tirrifletti l-granularità tal-għażla l-aktar dettaljata li l-oġġetti tat-tessuti jkunu għaddew minnha matul l-operazzjonijiet ta' separazzjoni jew **ta' tħejjija** għall-użu mill-ġdid. **Dik id-deskrizzjoni għandha tħalli, iżda ma tkunx limitata għal**, it-tip ta' ħwejjeġ, id-daqs, il-kulur, il-ġeneru, il-kompożizzjoni tal-materjali, **u kwalunkwe karatteristika rilevanti oħra li tikkontribwixxi għal użu mill-ġdid u riċiklaġġ effiċjenti,**

## **Emenda 107**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22d – paragrafu 9 – punt b – punt 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) l-isem u l-indirizz tal-kumpanija responsabbli għas-separazzjoni finali jew

#### *Emenda*

(2) l-isem u l-indirizz tal-kumpanija responsabbli għas-separazzjoni finali jew

għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid.

għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid, *filwaqt li jiġu żgurati t-trasparenza fil-proċess u l-obbligu ta' rendikont għall-kwalità tal-oġġetti.*

### Emenda 108

#### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22d – paragrafu 10a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *10a. Skont ir-Regolament (KE)*

*Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*, kif emendat bir-Regolament (UE) ... / ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [L-Uffiċċċu tal-Publikazzjonijiet: idaħħal in-numru tas-serje għar-reviżjoni tar-Regolament dwar Vjeġġi ta' Skart meta jiġi adottat] \*\*, it-tessuti tal-iskart ma għandhomx jitħalltu ma' prodotti tat-tessuti użati.*

---

\* *Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart (ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1).*

\*\* *Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar vjeġġi ta' skart u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1257/2013 u (UE) Nru 2020/1056, COM(2021) 709 final.*

### Emenda 109

#### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22d – paragrafu 10b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*10b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vjeġġ ta' prodotti tat-tessuti użati lejn pajjiżi terzi ikun konformi mal-*

*leġiżlazzjoni nazzjonali ta' dawk il-pajjiżi terzi relatata mal-protezzjoni ambjentali, l-ordni pubbliku, is-sigurtà pubblica jew il-protezzjoni tas-saħħa.*

## **Emenda 110**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22d – paragrafu 10c (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*10c. Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa studju biex tivvaluta l-applikazzjoni tal-kriterji ta' tmiem tal-istadju tal-iskart stabbiliti fl-Artikolu 6 ta' din id-Direttiva għall-polimeri tal-plastik li normalment jinstabu fl-iskart solidu fil-baħar, inkluż il-poliammid.*

*Meta xieraq, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implementazzjoni biex tistabbilixxi miżuri dettaljati dwar l-applikazzjoni uniformi tal-kriterji ta' tmiem tal-istadju tal-iskart għall-iskart fil-baħar fl-Unjoni kollha, filwaqt li tqis l-aħjar prattiki digħi stabbiliti mill-Istati Membri.*

### *Ġustifikazzjoni*

*L-UE ma għandhiex soluzzjonijiet adegwati għall-ġbir u l-immaniġġjar tal-iskart solidu fil-baħar (plastik, xbieki tas-sajd u rkaptu, eċċ.). Dan il-vojt legali qed jippreveni li l-iskart tal-plastik li jfikkel l-ekosistemi tal-baħar Ewropej jinġabar, jiġi riċiklat u fl-aħħar mill-aħħar jingħata ħajja ġdida fis-suq emerġenti tal-UE għall-materjali ċirkolari.*

## **Emenda 111**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 22da (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

## *Artikolu 22da*

### *Miri għat-tnaqqis tal-iskart tat-tessuti*

*1. Sat-30 ta' ġunju 2025, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni dwar il-livelli xierqa għall-istabbiliment ta' miri għall-2032 dwar it-naqqis tal-iskart tat-tessuti, li għandha tinkludi livelli ta' rati ta' ġbir, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid, l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ tat-tessuti u l-eliminazzjoni gradwali tar-rimi f'landfills tat-tessuti. Il-valutazzjoni għandha tinkludi wkoll analiżi tal-livell tal-esportazzjonijiet tat-tessuti użati lejn pajjiżi terzi u tal-estensjoni tar-responsabbiltà tal-produtturi għal dawk l-esportazzjonijiet. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport, akkumpanjat, meta xieraq, minn proposta leġiżlattiva, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*

### **Emenda 112**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11a (ġdid)**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 42a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(11a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*

#### *Artikolu 42a*

*Evalwazzjoni u rieżami tad-Direttiva  
Qafas dwar l-Iskart*

*Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2026. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar is-sejbiet tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Meta jkun xieraq, ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat bi proposta leġiżlattiva.*

### **Emenda 113**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11b (ġdid)**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 42b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(11b) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:**

**Artikolu 42b**

**Evalwazzjoni u rieżami tad-Direttiva  
1999/31/KE**

*Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2026. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar is-sejbiet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Meta jkun xieraq, ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat bi proposita leġiżlattiva.*

**Emenda 114**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagraphu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [L-Uffiċċju tal-Pubblikkazzjonijiet għandu jdaħħal id-data ta' **18-il** xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [L-Uffiċċju tal-Pubblikkazzjonijiet għandu jdaħħal id-data ta' **12-il** xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendantorja]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

**Emenda 115**

**Proposta għal direttiva**

**Anness IVc**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**ANNESS IVc**

**Prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-responsabbiltà estiża tal-produttur għal ġerti prodotti tat-tessuti, prodotti *relatati mat-tessuti* u prodotti *tax-xedd is-saqajn***  
**Parti 1**

Prodotti tat-tessuti *tad-dar* u oġġetti tessili tal-ilbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 22a

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
61 - il-kodiċijiet kollha elenkti fil-kapitolu	Oġġetti tal-ilbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ, innittjati jew maħdumin bil-ganċ
62 – il-kodiċijiet kollha elenkti fil-kapitolu	Oġġetti tal-ilbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ, mhux innittjati u mhux maħdumin bil-ganċ
6301	Kutri u travelling rugs (għajr 6301 10 00)
6302	Bjankerija tas-sodda, bjankerija tal-mejda, bjankerija tat-twaletta u bjankerija tal-kċina
6303	Purtieri (inkluż drapes) u blinds ta' ġewwa; pavaljuni u tornaletti
6304	Oġġetti oħrajn għat-tagħmir tad-dar, ħlief dawk tal-intestatura 9404
6309	Ilbiesi qodma u oġġetti oħrajn qodma
6504	Kpiepel u lbies ieħor tar-ras, tat-tibna jew magħmulin bl-immuntar ta' strixxi ta' xi materjal, inforrati jew mirqumin jew le
6505	Kpiepel u xedd ir-ras ieħor, innittjati jew maħdumin bil-ganċ, jew magħmulin mill-bizzilla, mill-feltru jew minn drapp tessili ieħor, bil-bieċċa (iżda mhux fi strixxi), kemm jekk infurri jew imberflin; xbieki għax-xagħar ta' kwalunkwe materjal, kemm infurri jew imberflin kif ukoll jekk le

**Parti 2**

Xedd is-saqajn, u oġġetti tal-ilbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ li l-kompożizzjoni prinċipali tagħhom mhijiex tessut fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 22a

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
4203	Oġġetti tal-ilbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ, tal-ġilda jew tal-ġilda rikostitwita (għajr għax-xedd is-saqajn u xedd ir-ras u partijiet minnhom, u oġġetti tal-kapitolu 95, pereżempju gwardji tal-qasba tas-sieq, maskri tal-iżgħira)
6401	Xedd is-saqajn li minnu ma jgħaddix ilma bil-qigħan ta' barra u l-učuh tal-lastiku jew tal-plastik, li l-učuh tagħhom la huma mwaħħlin lanqas immuntati bi ħjata, imsiemer irbattuti (rivets), imsiemer, viti, tappijiet jew proċessi simili
6402	Xedd is-saqajn ieħor bil-pett ta' barra u l-wiċċ tal-lastiku jew tal-plastik
6403	Xedd tas-saqajn bil-pettijiet tal-gomma, plastik, ġilda jew ġilda rikostitwita u bil-partijiet ta' fuq tal-ġilda
6404	Xedd is-saqajn bil-pett ta' barra tal-lastiku, tal-plastik, tal-ġilda jew tal-ġilda rikostitwita u bil-wiċċ magħmul minn materjali tessili
6405	Xedd ieħor tas-saqajn

*Emenda*

**ANNESS IVc**

**Prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-responsabbiltà estiża tal-produttur  
ħal ċerti prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u prodotti tax-xedd is-saqajn**

*Parti 1*

Prodotti tat-tessuti, u oġġetti tessili tal-ilbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 22a

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
61 - il-kodiċijiet kollha elenkti fil-kapitolu	Oġġetti tal-ilbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ, innittjati jew maħdumin bil-ganċ
62 – il-kodiċijiet kollha elenkti fil-kapitolu	Oġġetti tal-ilbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ, mhux innittjati u mhux maħdumin bil-ganċ
6301	Kutri u travelling rugs (għajr 6301 10 00)
6302	Bjankerija tas-sodda, bjankerija tal-mejda, bjankerija tat-twaletta u bjankerija tal-kċina
6303	Purtieri (inkluż drapes) u blinds ta' ġewwa; pavaljuni u tornaletti
6304	Oġġetti oħrajn għat-tagħmir tad-dar, ħlief dawk tal-intestatura 9404
6309	Ilbiesi qodma u oġġetti oħrajn qodma
6504	Kpiepel u lbies ieħor tar-ras, tat-tibna jew magħmulin bl-immuntar ta' strixxi ta' xi materjal, inforrat jew mirqumin jew le
6505	Kpiepel u xedd ir-ras ieħor, innittjati jew maħdumin bil-ganċ, jew magħmulin mill-bizzilla, mill-feltru jew minn drapp tessili ieħor, bil-bieċċa (iżda mhux fi strixxi), kemm jekk infurriati jew imberflin; xbieki għax-xagharr ta' kwalunkwe materjal, kemm infurriati jew imberflin kif ukoll jekk le

*Parti 2*

Xedd is-saqajn, u oġġetti tal-ilbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ li l-kompożizzjoni prinċipali tagħhom mhijiex tessut fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 22a

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
4203	Oġġetti tal-ilbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ, tal-ġilda jew tal-ġilda rikostitwita (għajr għax-xedd is-saqajn u xedd ir-ras u partijiet minnhom, u oġġetti tal-kapitolu 95, pereżempju gwardji tal-qasba tas-sieg, maskri tal-iżgħira)
6401	Xedd is-saqajn li minnu ma jgħaddix ilma bil-qigħan ta' barra u l-uċuħ tal-lastiku jew tal-plastik, li l-uċuħ tagħhom la huma mwahħħlin lanqas immuntati bi hijata, imsiemer irbattuti (rivets), imsiemer, viti, tappijiet jew proċessi simili
6402	Xedd is-saqajn ieħor bil-pett ta' barra u l-wieċċ tal-lastiku jew tal-plastik
6403	Xedd tas-saqajn bil-pettijiet tal-gomma, plastik, ġilda jew ġilda rikostitwita u bil-partijiet ta' fuq tal-ġilda
6404	Xedd is-saqajn bil-pett ta' barra tal-lastiku, tal-plastik, tal-ġilda jew tal-ġilda rikostitwita u bil-wieċċ magħmul minn materjali tessili
6405	Xedd ieħor tas-saqajn

**Emenda 116**

**Proposta għal direttiva**

**Anness IVc – Parti 2a (ġidida)**

<i>Test propos mill-Kummissjoni</i>	
<i>Emenda</i>	
<i>Prodotti tat-tessuti fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 22a</i>	
<b>Kodiċi NM</b>	<b>Deskrizzjoni</b>
<b>9404</b>	<b>Imtieraħ</b>
<b>5704</b>	<b>Twapet</b>



## NOTA SPJEGATTIVA

Ir-Rapporteur tal-Parlament Ewropew, is-Sa Anna Zalewska MEP, għandha l-ħsieb li tintroduċi xi bidliet immirati kif ukoll ta' reviżjoni fl-“*Abbozz tar-Rapport dwar il-proposta ġhal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart (COM(2023) 420 – C9 0233/2023 – 2023/0234(COD))*”, jiġifieri l-**Abbozz tar-Rapport dwar ir-rieżami tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart.**

L-ewwel nett, is-Sinjura Zalewska tintroduċi bidliet fl-oqsma li kienet għamlet enfasi fuqhom il-proposta tal-Kummissjoni; id-dispożizzjonijiet il-ġoddha li għandhom x'jaqsmu mal-iskart tal-ikel u tat-tessuti. Il-bidliet tar-Rapporteur jinkludu titjib fil-prattiċità u fil-funzjonalità reali tad-dispożizzjonijiet dwar il-programmi għat-tnaqqis tal-iskart, kif ukoll jawtorizzaw metodoloġiji mtejba, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jilħqu b'mod xieraq il-miri tat-tnaqqis.

It-tieni, ir-Rapporteur qed jintroduċi diversi bidliet ta' rieżami għad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart li jirrigwardaw nuqqasijiet notevoli fil-funzjonalità attwali tagħha. Ir-Rapporteur tintroduċi preċiżżament objettiv għall-Unjoni u għall-Istati Membri biex jeliminaw il-landfills illegali fl-UE kif ukoll diversi titjib tekniku fil-prattiki rigward l-immaniġġar tal-iskart muniċipali.

It-tielet, bidliet usa' bħat-trawwim ta' innovazzjoni teknoloġika u ta' soluzzjonijiet kreattivi kif ukoll kampanji ta' informazzjoni huma implementati wkoll bil-ħsieb li jittejjeb ilprofil tal-immaniġġar u l-prevenzjoni tal-iskart fil-politiki ambjentali tal-Unjoni, peress li n-nuqqasijiet jew il-kisbiet tagħha huma evidenti minnufih.

### *1. bidliet għall-proposta tal-Kummissjoni*

#### **1.1 l-iskart tal-ikel (l-Artikolu 9a, l-Artikolu 29a, partijiet rilevanti tal-Artikolu 3 u l-Artikolu 9)**

- 1.1.1 id-differenzjazzjoni b'mod aktar distint tal-“ħela tal-ikel” (ikel li seta’ jittiekel) minn sempliċement “skart tal-ikel” (partijiet mhux tajbin għall-ikel);
- 1.1.2 għall-miri fl-Artikolu 9a(4), bidla fis-sena bażi mill-2020 għall-2025, u bidla fid-data fil-mira mill-2030 għall-2035;
- 1.1.3 mira ġidida għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel madwar l-Unjoni sal-2035, ikkjarifikata sal-2030 b'disponibbiltà akbar tad-data sa dak iż-żmien;
- 1.1.4 il-metodoloġija fid-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/1597 tat-3 ta' Mejju 2019 tirrikjedi referenzjar xieraq kif ukoll aġġornament fl-Artikolu 9a;
- 1.1.5 it-teħid inkunsiderazzjoni taż-żidiet staġunali tat-turisti, l-influssi tar-rifuġjati u tal-migrant, meta jitqiesu l-miri fl-Artikolu 9a(4);
- 1.1.6 distinzjoni ċara għall-bdiewa, produzzjoni primarja fl-Artikolu 9a(4);

- 1.1.7 kjarifika li l-pressjoni hija fuq dawk li jistgħu jipprevedu aħjar il-klijenti, il-catering bl-istil ta' buffet, ir-ristoranti mhux regolari, kif ukoll attenzjoni lill-istabbilimenti ta' lussu, il-jottijiet, l-ajrulplani privati, eċċ. fl-Artikolu 9a;
- 1.1.8 l-inkoraggjiment tal-użu tal-iskart tal-ikel għall-bijogass, il-bijofjuwils; l-inkoraggjiment ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi, eż. applikazzjonijiet tal-mowbajl li jippermettu li jintgħażel l-ikel qabel ma jiskadi;
- 1.1.9 il-protezzjoni tal-konsumaturi individwali wara l-bidliet, l-evitar ta' żidiet fil-prezzijiet tal-ikel;

## **1.2 L-iskart tat-tessuti (l-Artikolu 22a sa 22d, l-Anness IVc, partijiet rilevanti tal-Artikolu 3 u l-Artikolu 11)**

- 1.2.1 bidliet orizzontali li jinkludu “prodotti tat-tessuti” minflok “prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u prodotti ta’ xedd is-saqajn elenkti fl-Anness IVc”, u “preparazzjoni għall-użu mill-ġdid” (preparing for reuse) minflok “preparazzjoni għall-użu mill-ġdid” (preparation for reuse) bħala l-formulazzjoni korretta;
- 1.2.2 iż-żieda tad-definizzjoni ta’ “prodotti tat-tessuti użati” biex jiġi żgurat li ma titqiesx bħala skart peress li hija kontrofattwali, filwaqt li għandhom jiġu mħeġġa l-użu ta’ prodotti tat-tessuti użati xierqa u x-xiri ta’ oġġetti użati;
- 1.2.3 iż-żieda ta’ “punt ta’ ġbir separat” għat-tessuti; it-tħassir tat-test imħassar mill-Kummissjoni tal-introduzzjoni mill-Istati Membri ta’ ġbir separat għat-tessuti fl-Artikolu 11 u l-iżgurar tal-konsistenza mal-Artikolu 22d(1), il-projbizzjoni ta’ taħlita ta’ prodotti tat-tessuti użati u ta’ skart, filwaqt li tingħata skadenza għall-att ta’ implementazzjoni fl-Artikolu 22c(9);
- 1.2.4 opzjonalità għall-produtturi mikro u SMEs għall-iskema tal-EPR tat-tessuti, eżenzjonijiet għall-ġbir ta’ donazzjonijiet għall-vittmi ta’ diżastru naturali u oħrajn;
- 1.2.5 l-aġġustament għaż-żmien ta’ traspożizzjoni għall-Istati Membri biex ikunu konformi mal-att ta’ implementazzjoni meħtieġ;
- 1.2.6 żidiet mal-Anness IVc, madankollu, l-atti delegati futuri ma għandhomx jespandu l-kamp ta’ applikazzjoni tiegħu bħala skemi ta’ aġġustament tal-EPR;
- 1.2.7 l-allokazzjoni ta’ parti mit-tariffi tal-EPR lil fond għall-operazzjonijiet ta’ użu mill-ġdid u ta’ tiswija;
- 1.2.8 enfasi fuq il-piż, aktar milli fuq l-ġħadd ta’ prodotti tat-tessuti fl-Artikolu 22c(17); il-kondiċjoni tal-informazzjoni tal-Istati Membri tar-reġistru nazzjonali, il-kjarifika tal-informazzjoni kondiċiża mill-PROs;
- 1.2.9 l-introduzzjoni ta’ mira indikattiva għall-Unjoni kollha għat-tnaqqis tal-iskart tat-tessuti għall-2040

## **1.3 L-iffissar ta’ rapportar u monitoraġġ inadegwati (l-Artikolu 37, il-partijiet rilevanti tal-Artikolu 11, l-Artikolu 11b)**

- 1.3.1 it-tneħħija tal-Artikolu 37(3) dwar l-Istati Membri li ma jirrapportawx data kwantitattiva dwar l-użu mill-ġdid tat-tessuti;
  - 1.3.2 skadenza għall-att ta' implementazzjoni fl-Artikolu 37(7);
- 1.4 tibdil fil-ħin tat-**traspożizzjoni** li għandu jkun relatax mal-atti ta' implementazzjoni meħtieġa;
- 1.5 il-bidliet fl-Artikolu 2 tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart tħallew intenzjonalment kif inhu fil-proposta tal-Kummissjoni.
2. *il-bidliet fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart oriġinali lil hinn mill-proposta tal-Kummissjoni*

- 2.1 l-eliminazzjoni ta' landfills illegali fl-UE (l-Artikolu 12a ġdid, l-Artikolu 23a ġdid, l-Artikolu 26a ġdid, bidliet fl-Artikolu 3, l-Artikolu 17, l-Artikolu 23, l-Artikolu 34, l-Artikolu 35)**
- 2.1.1 l-introduzzjoni tad-definizzjoni ta' landfills illegali, iż-żieda ta' registry ġdid tal-landfills;
  - 2.1.2 **iż-żieda ta' riġidità u rekwiżiti rigward il-permessi** fl-Artikolu 23 (u bħal fl-Artikolu 9 fid-Direttiva dwar il-Landfills);
  - 2.1.3 **ir-rwol li qed jinbidel tan-negożjanti u tas-sensara** (definizzjoni li qed tespandi), ilkoll iridu jkunu f'regiestru ġdid fl-Artikolu 26a, ir-rekwiżiti tal-Istati Membri biex jaqsmu l-informazzjoni tar-registry ma' xulxin;
  - 2.1.4 **infurzar aktar strett tat-trattament tajjeb tal-iskart perikoluż**, b'monitoraġġ aktar strett tar-radam mill-ġdid permezz tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art u monitoraġġ bil-vidjo fl-Artikolu 15, u l-introduzzjoni ta' sistema ta' depożitu għal prova ta' trattament tajjeb tal-iskart kif ukoll ir-responsabbiltà tal-produtturi fl-Artikolu 17;
  - 2.1.5 l-użu ta' penali, il-ħolqien ta' fond immirat għall-iskart, rekwiżiti addizzjonali għan-negożjanti u s-sensara, diliġenza dovuta korporattiva dwar ir-rapportar tal-immaniġġar tal-iskart;
  - 2.1.6 **aktar setgħat lill-ispettorati tal-protezzjoni tal-ambjent tal-awtoritatijiet nazzjonali;**
  - 2.1.7 l-introduzzjoni ta' spezzjonijiet addizzjonali fl-Artikolu 34; l-użu ta' droni u ta' immaġnijiet satellitari, l-inkoraġġiment ta' teknoloġiji ġodda għall-monitoraġġ; ir-rapportar ta' siti illegali ta' landfills isir aktar faċli;

- 2.1.8 **I-indirizzar ta' kwistjonijiet transfruntiera dwar l-iskart (intra-UE, barra mill-UE), fir-rigward tar-reviżjoni tar-Regolament dwar il-Vjeġġi ta' Skart;**

## **2.2 titjib tal-iskart muniċipali (Artikolu 11, Artikolu 11a, Artikolu 15a ġdid)**

- 2.2.1 il-prattiki tal-ġbir tal-iskart muniċipali jirrikjedu titjib; l-inkoraġġiment tal-eliminazzjoni gradwali tal-ġbir tal-iskart muniċipali permezz tat-tqegħid fit-triq, il-promozzjoni tal-kontenituri, it-tħassib dwar is-saħħha għall-bnedmin fl-Artikolu 15a ġdid;
- 2.2.2 l-għoti ta' skadenza għall-obbligu ta' rapportar tal-Kummissjoni u taż-ŻEE dwar il-progress lejn l-ilħuq tal-miri l-Artikolu 9a(4), l-Artikolu 11(2) punti (c), (d), u (e), u l-Artikolu 11(3); (flimkien mal-aċċelerazzjoni mill-2025 għall-2028 tal-obbligu tal-Kummissjoni li tirrieżamina l-miri tar-riċiklaġġ muniċipali)
- 2.2.3 iż-żieda tal-użu ta' minerali minn skart muniċipali inċinerat biex jingħaddu bħala riċiklaġġ, jekk jintużaw fis-siment għall-kostruzzjoni fl-Artikolu 11a; l-għoti ta' skadenza għall-obbligu eżistenti tal-Kummissjoni li tressaq il-metodoloġija stretta;
- 2.2.4 l-awtorizzazzjoni tal-analiżi tal-Kummissjoni sa tmiem l-2025 fl-Artikolu 11 tal-produzzjoni ta' fjuwils alternattivi minn skart differenti, f'konformità mal-analiżijiet awtorizzati għall-iskart muniċipali;

*3. bidliet usa' fl-immaniġġar tal-iskart bħala żidiet ġodda fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart oriġinali lil hinn mill-proposta tal-Kummissjoni*

- 3.1 rekwiżiti immedjati għall-bini tal-istituzzjonijiet tal-UE f'kull Stat Membru biex ikun ta' eżempju fl-immaniġġar tal-iskart, filwaqt li jiġi żgurat li l-ħela tal-ikel tkun qrib iż-żero kemm jista' jkun;
- 3.2 l-inkoraġġiment ta' **proġetti innovattivi u soluzzjonijiet kreattivi fl-Artikolu 32a ġdid** għall-immaniġġar tal-iskart;
- 3.2.1 l-appoġġ tal-Kummissjoni biex jitrawmu proġetti mill-fondi tal-UE, speċjalment avvanzi teknoloġiċi (inklużi proġetti għat-tindif tax-xmajjar, ix-xtut tal-baħar, il-lagi, eċċ.);
- 3.3 l-iżgur ta' **appoġġ finanzjarju u tekniku għall-Istati Membri;**
- 3.4 l-iffaċilitar ta' **kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni fl-Artikolu 32b il-ġdid,** inkluż l-inkoraġġiment ta' xiri minn ħwienet ta' karitā, iż-żieda fl-ġharfien u l-parċeċipazzjoni attiva tal-pubbliku.

Kollox ma' kollox, ir-Rapporteur tittama li l-Parlament, flimkien mal-Kunsill u mal-Kummissjoni, iġibu **punt ta' bidla tant meħtieġ fil-ġlieda kontra t-tniġġis mill-iskart** b'bidliet fil-politika li jtejbu b'mod sinifikanti l-mod kif l-Unjoni twettaq il-programmi tagħha għall-prevenzjoni tal-iskart u għall-immaniġġar tal-iskart.



**ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI  
LI R-RAPPORTEUR IRČEVIEK KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

<b>Entità u/jew persuna</b>
Zero Waste Europe
Polskie Stowarzyszenie Zero Waste
Municipal Waste Europe
COPA-COCEGA
European Textile and Apparel Confederation (Euratex)
Confederation of European Waste-to-Energy Plants (CEWEP)
Ministry of Climate and Environment of Poland (MKiŚ)
Główny Inspektorat Ochrony Środowiska (GIOŚ)
European Recycling Industries' Confederation (EuRIC)
National Centre for Research and Development (NCBR)
RREUSE
Better Cotton
Business Science Poland (BSP)
European Environmental Bureau (EEB)
KREAB
Changing Markets Foundation
European Compost Network
Policy Hub for Apparel and Footwear

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

25.1.2024

## **OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI**

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart  
(COM(2023)420 – C9-0233/2023 – 2023/0234(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Clara Aguilera

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-rapporteur tilqa' r-reviżjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart proposta mill-Kummissjoni biex jitnaqqas l-impatt ambientali u dak fuq il-klima tas-sistemi tal-ikel assoċjati mal-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel u l-istabbiliment ta' miri legalment vinkolanti għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel għall-Istati Membri sal-2030.

L-iskart tal-ikel jirrappreżenta “ineffiċjenza” tal-katina tal-ikel, li għandha konsegwenzi ekonomiċi, soċjali u ambientali, hekk kif huwa ħela tax-xogħol li jkun twettaq mill-bdiewa fil-produzzjoni tal-ikel kif ukoll użu ħażin tar-riżorsi naturali kkunsmati f'dan il-proċess. Skont iż-żewġ stimi disponibbli (li jmorru lura għall-2012 u l-2022), l-iskart tal-ikel fl-UE jammonta għal bejn 88 u 153,5 miljun tunnellata fis-sena. Il-kostijiet assoċjati jammontaw għal EUR 143 biljun fis-sena. Dan l-ammont ta' skart tal-ikel jammonta għal madwar 227 miljun tunnellata ta' CO<sub>2</sub>, jew madwar 6 % tal-emissjonijiet totali tal-UE.

Il-Parlament Ewropew appoġġa b'mod konsistenti t-tnaqqis tal-iskart tal-ikel. It-tnaqqis fit-telf u l-iskart tal-ikel huwa parti integrali mill-Istrateġija tal-UE “Mill-Għalqa sal-Platt” 2020 għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħha u favur l-ambjent.

L-istabbiliment ta' miri speċifiċi huwa mistenni li jwassal lil kull Stat Membru biex jadotta miżuri ambizzju mfassla għas-sitwazzjoni nazzjonali speċifika tiegħi, u b'hekk isahħħaħ l-isforzi u jespandi strateġiji effettivi, filwaqt li jħalli lill-Istati Membri flessibbiltà sħiħa fl-għażla tal-miżuri fir-rieżami tal-programmi tagħhom għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel bil-ħsieb li jintlaħqu l-miri ta' tnaqqis.

Ir-rapporteur għal opinjoni tal-Kunitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tilqa' b'sodisfazzjon kbir il-fatt li l-proposta teskludi s-settur primarju mill-miri ta' tnaqqis u titlob li l-Istati Membri jitħeġġu jagħmlu enfażi akbar fuq it-taħriġ għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel.

Meta wieħed iqis li l-2020 hija l-ewwel sena li fiha data dwar l-iskart tal-ikel li ġiet imkejla mill-Istati Membri hija disponibbli, peress li qabel ma kien hemm l-ebda obbligu li ssir din il-kwantifikazzjoni, ir-rapporteur taqbel mas-sena ta' referenza, 2020, kif stabbilit fil-proposta.

Ir-rapporteur tqis li l-miri proposti huma raġonevoli. Madankollu, hija tissuġġerixxi li l-mira ta' 30 % tīgi applikata b'mod separat għal kull ħolqa fil-katina tal-ikel imsemmija fl-Aritkolu 9, il-paragrafu 4, il-punt (f), sabiex tintlaħaq distribuzzjoni ġusta tar-responsabbiltà, kif ukoll tal-progress li jsir f'kull ħolqa.

## EMENDI

Il-Kunitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kunitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kunitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

### Emenda 1

## Proposta għal direttiva

### Premessa 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Wara li kkunsidraw l-effetti negattivi tal-iskart tal-ikel, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jieħdu miżuri biex jippromwovu l-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-iskart tal-ikel f'konformità mal-Āġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) fil-25 ta' Settembru 2015, u b'mod partikolari l-mira tagħha li jitnaqqas bin-nofs l-iskart globali tal-ikel per capita fil-livelli tal-bejgħ bl-imnun u tal-konsumatur u jitnaqqas it-telf tal-ikel tul il-ktajjen tal-produzzjoni u tal-provvista, inkluż it-telf ta' wara l-ħsad, sal-2030. Dawk il-miżuri kellhom l-għan li jipprevjenu u jnaqqsu l-iskart tal-ikel fil-produzzjoni primarja, fl-ipproċessar u fil-manifattura, fil-bejgħ bl-imnun u distribuzzjoni oħra tal-ikel, fir-ristoranti u fis-servizzi tal-ikel kif ukoll fl-unitajiet domestiċi.

*Emenda*

(3) Wara li kkunsidraw l-effetti negattivi tal-iskart tal-ikel **fuq is-soċjetà, l-ekonomija u l-ambjent**, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jieħdu miżuri biex jippromwovu l-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-iskart tal-ikel f'konformità mal-Āġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) fil-25 ta' Settembru 2015, u b'mod partikolari l-mira tagħha li jitnaqqas bin-nofs l-iskart globali tal-ikel per capita fil-livelli tal-bejgħ bl-imnun u tal-konsumatur u jitnaqqas it-telf tal-ikel tul il-ktajjen tal-produzzjoni u tal-provvista, inkluż it-telf ta' wara l-ħsad, sal-2030. Dawk il-miżuri kellhom l-għan li jipprevjenu u jnaqqsu l-iskart tal-ikel fil-produzzjoni primarja, fl-ipproċessar u fil-manifattura, fil-bejgħ bl-imnun u distribuzzjoni oħra tal-ikel, fir-ristoranti u fis-servizzi tal-ikel kif ukoll fl-unitajiet domestiċi **u l-progress li sar fl-implimentazzjoni tagħhom jenħtieġ li jiġi vvalutat perjodikament.**

### Emenda 2

## Proposta għal direttiva

### Premessa 7

*Test propost mill-Kummissjoni*

(7) L-Istati Membri, **sa ċertu punt**, żviluppaw materjali u wettqu kampanji mmirati lejn il-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel għall-konsumaturi u għall-operaturi tan-negożji tal-ikel; madankollu, dawn jiffukaw l-aktar fuq is-sensibilizzazzjoni aktar milli jqanqlu bidla fl-imġiba. Sabiex jintlaħaq il-potenzjal shiħi għat-taqqis tal-iskart tal-ikel u jiġi żgurat il-progress maż-żmien, iridu jiġu żviluppati interventi

*Emenda*

(7) L-Istati Membri żviluppaw materjali u wettqu kampanji mmirati lejn il-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel għall-konsumaturi u għall-operaturi tan-negożji tal-ikel; madankollu, dawn jiffukaw l-aktar fuq is-sensibilizzazzjoni aktar milli jqanqlu bidla fl-imġiba. Sabiex jintlaħaq il-potenzjal shiħi għat-taqqis tal-iskart tal-ikel u jiġi żgurat il-progress maż-żmien, iridu jiġu żviluppati interventi għall-bidla

għall-bidla fl-imġiba, adattati skont is-sitwazzjonijiet u l-ħtiġijiet spċifici fl-Istati Membri, u integrati b'mod sħiħ fil-programmi nazzjonali għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel. Jenħtieġ li tingħata importanza wkoll lil soluzzjonijiet ċirkolari regionali, bħas-sħubijiet pubbliċi-privati u l-involviment taċ-ċittadini kif ukoll l-adattament għal ħtiġijiet reġjonali spċifici bħar-reġjuni ultraperiferiċi jew il-gżejjer.

fl-imġiba ***mmexxija mill-iskejjejel***, adattati skont is-sitwazzjonijiet u l-ħtiġijiet spċifici fl-Istati Membri, u integrati b'mod sħiħ fil-programmi nazzjonali għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel. Jenħtieġ li tingħata importanza wkoll lil soluzzjonijiet ċirkolari regionali, ***provinċjali u lokali*** bħas-sħubijiet pubbliċi-privati u l-involviment taċ-ċittadini kif ukoll l-adattament għal ħtiġijiet reġjonali spċifici bħar-reġjuni ultraperiferiċi jew il-gżejjer.

### Emenda 3

#### Proposta għal direttiva Premessa 8

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) Minkejja ż-żieda fis-sensibilizzazzjoni dwar ***l-impatti negattivi u l-konsegwenzi*** tal-iskart tal-ikel, l-impenji politiċi li saru fil-livelli tal-UE u tal-Istati Membri, u l-miżuri tal-Unjoni implementati mill-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari tal-2015, il-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel ***mhix qed tonqos*** biżżejjed biex tagħmel progress sinifikanti lejn il-kisba tal-Mira 12.3 tal-Ġhan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 12 tan-NU. Sabiex jiġi żgurat kontribut sinifikanti lejn il-kisba tal-Mira 12.3 tal-SDG, il-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri jenħtieġ li jissaħħu biex isir progress fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u ta' miżuri xierqa oħra biex titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel.

##### *Emenda*

(8) Minkejja ż-żieda fis-sensibilizzazzjoni dwar ***l-impatt*** tal-iskart tal-ikel, l-impenji politiċi li saru fil-livelli tal-UE u tal-Istati Membri, u l-miżuri tal-Unjoni implementati mill-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari tal-2015, il-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel ***għadha ma naqsitx*** biżżejjed biex tagħmel progress sinifikanti lejn il-kisba tal-Mira 12.3 tal-Ġhan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 12 tan-NU. Sabiex jiġi żgurat kontribut sinifikanti lejn il-kisba tal-Mira 12.3 tal-SDG, il-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri jenħtieġ li jissaħħu ***u jiġu appoġġati mill-UE, inkluż permezz ta' inizjattivi finanzjarji***, biex isir progress fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u ta' miżuri xierqa oħra biex titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel.

### Emenda 4

#### Proposta għal direttiva Premessa 9

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Sabiex jinkisbu r-riżultati fuq

##### *Emenda*

(9) Sabiex jinkisbu r-riżultati fuq

perjodu ta' żmien qasir, u biex l-operaturi tan-negozji tal-ikel, il-konsumaturi u l-awtoritajiet pubbliċi jingħataw il-perspettiva meħtieġa għal perjodu fit-tul, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri kwantifikati għat-tnaqqis tal-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel, li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri **sal-2030**.

perjodu ta' żmien qasir **u medju**, u biex l-operaturi tan-negozji tal-ikel, il-konsumaturi u l-awtoritajiet pubbliċi jingħataw il-perspettiva meħtieġa għal perjodu fit-tul, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri kwantifikati għat-tnaqqis tal-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel, li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri **sa mhux aktar tard mill-2030, fid-dawl tal-ħtiġijiet kemm tal-konsumaturi kif ukoll tal-operaturi ekonomiċi. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti mekkaniżmi biex jiġu allokat iż-riżorsi finanzjarji u teknoloġiċi xierqa biex tiġi appoġġata l-implementazzjoni ta' dawn l-objettivi u biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkollhom il-kapaċità meħtieġa biex jagħmlu l-bidliet proposti.**

## Emenda 5

### Proposta għal direttiva Premessa 9a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(9a) Kull ma jmur hemm anqas għarfien ġenerali dwar il-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel. Għaldaqstant, huma meħtieġa kampanji u informazzjoni mmirati u regolari għal kull grupp ta' età.**

## Emenda 6

### Proposta għal direttiva Premessa 10

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(10) B'kont meħud tal-impenn tal-Unjoni għall-ambizzjoni stabilita fil-Mira 12.3 tal-SDG, l-istabbiliment ta' miri għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri sal-2030 jenħtieġ li jipprovd i impuls ta' politika qawwi biex tittieħed azzjoni u jiġi żgurat kontribut sinifikanti għall-miri globali.

(10) B'kont meħud tal-impenn tal-Unjoni għall-ambizzjoni stabilita fil-Mira 12.3 tal-SDG, l-istabbiliment ta' miri għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri sal-2030 jenħtieġ li jipprovd i impuls ta' politika qawwi biex tittieħed azzjoni u jiġi żgurat kontribut sinifikanti għall-miri globali.

Madankollu, minħabba n-natura legalment vinkolanti ta' dawn il-miri, jenħtieġ li dawn ikunu proporzjonati u fattibbli, u jqisu r-rwol tal-atturi differenti fil-katina tal-provvista tal-ikel kif ukoll il-kapaċitā tagħhom (b'mod partikolari l-intrapriżi mikro u żgħar). L-istabbiliment ta' miri legalment vinkolanti jenħtieġ għalhekk isegwi approċċ gradwali, li jibda b'livell li jkun aktar baxx minn dak stabbilit skont l-SDG, bil-ġhan li jiġi żgurat rispons konsistenti tal-Istati Membri u progress tangħibbli lejn il-Mira 12.3.

Madankollu, minħabba n-natura legalment vinkolanti ta' dawn il-miri, jenħtieġ li dawn ikunu proporzjonati u fattibbli, u jqisu r-rwol tal-atturi differenti fil-katina tal-provvista tal-ikel kif ukoll il-kapaċitā tagħhom (b'mod partikolari l-intrapriżi mikro u żgħar). **Barra minn hekk, trid issir distinzjoni bejn it-telf tal-ikel li jista' jiġi evitat u dak inevitabbi.** L-istabbiliment ta' miri legalment vinkolanti jenħtieġ għalhekk isegwi approċċ gradwali, li jibda b'livell li jkun aktar baxx minn dak stabbilit skont l-SDG, bil-ġhan li jiġi żgurat rispons konsistenti tal-Istati Membri u progress tangħibbli lejn il-Mira 12.3.

### Ġustifikazzjoni

*Hija meħtieġa distinzjoni ċara bejn telf tal-ikel li jista' jiġi evitat u dak li ma jistax jiġi evitat, anki għal raġunijiet ta' proporzjonalità.*

## Emenda 7

### Proposta għal direttiva Premessa 10a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(10a) Il-produzzjoni agrikola mqiegħda fis-suq għall-bejħ tiddependi fuq sensiela ta' fatturi naturali, legali u operazzjonali lil hinn mill-kontroll tal-bdiewa. Biex jitqiegħdu fis-suq u jinbiegħu lill-konsumaturi, il-biċċa l-kbira tal-prodotti agroalimentari jridu jikkonformaw ma' standards tal-kummerċjalizzazzjoni stretti tal-Unjoni jew internazzjonali. B'mod partikolari, il-prodotti tal-frott u l-ħxejjex intenzjonati biex jinbiegħu friski lill-konsumatur, jistgħu jiġu kummerċjalizzati biss jekk ikunu tajbin, ġusti u ta' kwalità kummerċjablli u jekk ikun indikat il-pajjiż tal-oriġini tagħhom. Il-prodotti mibjugħha lokalment u direktament mill-produtturi lill-konsumaturi huma eżentati mill-istandard tal-kummerċjalizzazzjoni. Xi*

*prodotti affettwati minn diżastri naturali jew ċirkostanzi eċċezzjonali oħra huma eżentati wkoll, jekk il-konsum tagħhom ikun sikur. Għalhekk, il-prodotti agrikoli li ma jistgħux jiġu kkummerċjalizzati għall-konsum tal-ikel minħabba li ma jikkonformawx mar-regoli attwali u l-prodotti li ma jistgħux jintużaw għal użi oħra għajr għall-ikel, bħall-produzzjoni tal-enerġija mill-bijomassa, jenħtieġ li ma jiġux ikkunsidrat bħala skart.*

## Emenda 8

### Proposta għal direttiva Premessa 10b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(10b) Id-disparitajiet fis-setgħa tan-negozjar bejn il-fornituri u x-xerrejja ta' prodotti agrikoli u tal-ikel għadhom jippersistu fil-ktajjen tal-provvista tal-ikel madwar l-UE. Dan huwa partikolarment il-każ fis-settura agrikolu, peress li nnatura speċifika tal-prodotti agrikoli u l-ħtieġa assoċċjata li dawn jintużaw malajr ifixklu l-ugwaljanza fost il-kontropartijiet sa mill-bidu nett. Għalhekk irid jsir kull sforz biex jiġi żgurat li l-aktar prattiki kummerċjali ingħusti komuni li jaffettwaw lill-fornituri agrikoli, b'mod partikolari fil-provvista ta' prodotti li jitħassru malajr, ma jiżdidux bħala riżultat ta' miri vinkolanti biex jitnaqqas l-iskart tal-ikel.*

## Emenda 9

### Proposta għal direttiva Premessa 10c (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(10c) Wara li kkunsidra l-ħidma tal-Kunitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' tħejjija u rispons għall-Kriżijiet tas-Sigurtà tal-İkel,*

*fejn ġie rikonoxxut il-kontribut tal-imballaġġ fit-tnaqqis tal-iskart tal-ikel u fl-iżgurar tal-provvista u s-sigurtà tal-ikel;*

## Emenda 10

### Proposta għal direttiva Premessa 10d (ġdida)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(10d) Ir-riżultati miksuba mill-atturi kollha fil-katina agroalimentari biex jitnaqqsu t-telf u l-iskart tal-ikel, f'konformità mal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 12.3 tan-NU.*

## Emenda 11

### Proposta għal direttiva Premessa 11a (ġdida)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(11a) Aktar ma jkunu kbar l-ammonti ta' tnaqqis tal-iskart tal-ikel, aktar ikun għoli t-tnaqqis tal-ammont li l-unitajiet domestiċi jonfqu fuq l-ikel<sup>1a</sup>*

---

*1a*

*[https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/bitstream/JRC133971/JRC133971\\_01.pdf](https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/bitstream/JRC133971/JRC133971_01.pdf)*

## Emenda 12

### Proposta għal direttiva Premessa 11b (ġdida)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(11b) It-tnaqqis tal-iskart tal-ikel fi kwalunkwe punt tul il-katina tal-provvista tal-ikel iwassal għal impatt ambjentali pożittiv sinifikanti<sup>2a</sup>.*

## Emenda 13

### Proposta għal direttiva Premessa 11c (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(11c) Perċentwal sinifikanti ta' prodotti jintrema għal raġunijiet kożmetiċi inklużi forom jew kuluri strambi jew tbajja'. Tali skart tal-ikel jenħtieġ li jiġi evitat għalkollox.*

## Emenda 14

### Proposta għal direttiva Premessa 12

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(12) **B'kont meħud tal-interdipendenza** bejn l-istadji tad-distribuzzjoni u tal-konsum fil-katina tal-provvista tal-ikel, b'mod partikolari l-influwenza tal-prattiki tal-bejgħ bl-imnut fuq l-imġiba tal-konsumatur u r-relazzjoni bejn il-konsum tal-ikel fid-dar u barra minnha, huwa rakkmandabbli li tiġi stabbilita mira konġunta waħda għal dawn l-istadji tal-katina tal-provvista tal-ikel. L-istabbiliment ta' miri separati għal kull **wieħed minn dawn l-istadji** jżid kumplessità mhux meħtieġa u jillimita l-flessibbiltà tal-Istati Membri biex jiffukaw fuq l-oqsma speċifiċi ta' tħassib tagħhom. Sabiex jiġi evitat li mira konġunta tirriżulta f'piżi eċċessiv fuq ċerti operaturi, l-Istati Membri se jingħataw il-parir li jikkunsidraw il-prinċipju tal-proporzjonalità **biex jiżguraw distribuzzjoni ġusta u realistika tar-responsabbiltà u l-akkontabilità**

(12) **Minkejja l-interdipendenza** bejn l-istadji tad-distribuzzjoni u tal-konsum fil-katina tal-provvista tal-ikel, b'mod partikolari l-influwenza tal-prattiki tal-bejgħ bl-imnut fuq l-imġiba tal-konsumatur u r-relazzjoni bejn il-konsum tal-ikel fid-dar u barra minnha, huwa rakkmandabbli li tiġi stabbilita mira konġunta waħda għal dawn l-istadji tal-katina tal-provvista tal-ikel. L-istabbiliment ta' miri separati għal kull **stadju** jżid kumplessità mhux meħtieġa u jillimita l-flessibbiltà tal-Istati Membri biex jiffukaw fuq l-oqsma speċifiċi ta' tħassib tagħhom. Sabiex jiġi evitat li mira konġunta tirriżulta f'piżi eċċessiv fuq ċerti operaturi, l-Istati Membri se jingħataw il-parir li jikkunsidraw il-prinċipju tal-proporzjonalità **biex jiżguraw distribuzzjoni ġusta u realistika tar-responsabbiltà u l-akkontabilità**

*biex tintlaħaq il-mira konġunta.*

*b'kunsiderazzjoni xierqa tal-intrapriżi  
żgħar u mikro li joperaw fil-katina tal-  
provvista tal-ikel.*

## Emenda 15

### Proposta għal direttiva Premessa 12a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(12a) Jirrimarka li huwa impossibbli li tissolva b'mod effettiv il-problema tal-iskart tal-ikel fl-azjendi agrikoli mingħajr ma jiġi żgurat introjtu stabbli għall-bdiewa u mingħajr ma jiġu kkontrollati l-fluttwazzjonijiet kbar tas-suq meta l-kost tal-produzzjoni tal-prodotti jkun oħla mill-prezz offrut mis-suq;**

## Emenda 16

### Proposta għal direttiva Premessa 12b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(12b) Jissottolinja l-importanza tar-ridistribuzzjoni tal-prodotti fi tmiem id-data ta' skadenza tagħhom lill-persuni fil-bżonn; Jinnota li l-bejjiegħa bl-imnun tal-ikel għandhom l-opportunitajiet kollha biex jagħtu tali prodotti lil-organizzazzjonijiet tal-karità li huma kapaċi jiddistribwixxu dawn il-prodotti mingħajr dewmien, filwaqt li jiżguraw li jiġu kkunsmati;**

## Emenda 17

### Proposta għal direttiva Premessa 14

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(14) Abbażi tal-metodoloġija

(14) Abbażi tal-metodoloġija

armonizzata stabilita fid-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/1597<sup>76</sup>, l-ewwel sena li għaliha nġabret data dwar il-livelli tal-iskart tal-ikel kienet l-2020. *Għalhekk, is-sena 2020 jenħtieġ li tintuża bħala linja bażi biex jiġu stabiliti l-miri għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel.* Għall-Istati Membri, li jkunu jistgħu juru li wettqu kejl tal-iskart tal-ikel qabel l-2020, bl-użu ta' metodi konsistenti mad-Deċiżjoni Delegata (UE) 2019/1597, jenħtieġ li jkun permess l-użu ta' linja bażi aktar bikrija.

---

<sup>76</sup> Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/1597 tat-3 ta' Mejju 2019 li tissupplimenta d-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' metodoloġija komuni u rekwiżiti minimi tal-kwalità għall-kejl uniformi tal-livelli tal-iskart tal-ikel (ĠU L 248, 27.9.2019, p. 77).

armonizzata stabilita fid-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/1597<sup>76</sup>, l-ewwel sena li għaliha nġabret data dwar il-livelli tal-iskart tal-ikel kienet l-2020. *Madankollu, minħabba li l-2020 kienet sena eċċeżżjonali, fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u l-lockdowns assoċjati, perjodu ta' referenza 2020-2022 ikun perjodu ta' referenza aktar xieraq, filwaqt li jitqiesu diverġenzi li jirriżultaw mill-pandemija.* Għall-Istati Membri, li jkunu jistgħu juru li wettqu kejl tal-iskart tal-ikel qabel l-2020, bl-użu ta' metodi konsistenti mad-Deċiżjoni Delegata (UE) 2019/1597, jenħtieġ li jkun permess l-użu ta' linja bażi aktar bikrija.

---

<sup>76</sup> Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/1597 tat-3 ta' Mejju 2019 li tissupplimenta d-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' metodoloġija komuni u rekwiżiti minimi tal-kwalità għall-kejl uniformi tal-livelli tal-iskart tal-ikel (ĠU L 248, 27.9.2019, p. 77).

## Emenda 18

### Proposta għal direktiva Premessa 14a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(14a) Il-metodoloġija armonizzata stabilita fid-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/1597 tipprevedi l-użu ta' metodi differenti ta' rapportar. Sabiex jiġi żgurat li d-data futura tkun xjentifikament soda, ta' kwalità għolja u komparabbi, huwa meħtieġ li jiġu stabiliti u applikati metodi ta' kejl ċari u konsistenti fost l-Istati Membri u rekwiżiti minimi ta' kwalità għall-kejl uniformi tal-iskart tal-ikel.*

## **Emenda 19**

### **Proposta għal direttiva Premessa 14b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(14b) Sabiex jiġi żgurat li l-atturi fil-katina tal-provvista tal-ikel u l-awtoritajiet tal-Istati Membri jinterpretaw b'mod konsistenti d-data dwar l-iskart tal-ikel u l-monitoraġġ tar-rapportar, il-Kummissjoni għandha toħroġ linji gwida dwar il-metodoloġija għall-kejl tal-iskart tal-ikel;**

*Ġustifikazzjoni*

*Linji gwida u regoli aktar preskrittivi mill-Kummissjoni huma meħtieġa biex jgħinu fl-amonizzazzjoni tar-rapportar dwar il-ħela tal-ikel madwar l-Istati Membri u jżidu l-kwalità tiegħi.*

## **Emenda 20**

### **Proposta għal direttiva Premessa 15a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(15a) Il-kisba ta' miri għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel ma tridx timmina l-produzzjoni agrikola jew is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni Ewropea. Ir-rikors għażiż-żieda fl-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi biex jikkumpensaw għat-tnaqqis fil-produzzjoni domestika jenħtieġ li jitqies bħala kompetizzjoni īngusta mal-produtturi tal-UE meta r-regoli ta' reċiproċità ma jiġux applikati għal-prodotti importati minn pajjiżi terzi.**

## **Emenda 21**

### **Proposta għal direttiva Premessa 33**

*Test propos mill-Kummissjoni*

(33) Sabiex l-Istati Membri jilħqu l-miri stabbiliti f'din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jirrevedu l-programmi tagħhom għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel biex jinkludu miżuri ġodda, li jinvolvu diversi sħab mis-setturi pubbliċi u privati, b'azzjonijiet koordinati mfassla biex jindirizzaw hotspots speċifiċi kif ukoll attitudnijiet u mgħiba li jwasslu għall-iskart tal-ikel. Fit-tħejjija ta' dawn il-programmi, l-Istati Membri jistgħu jieħdu ispirazzjoni mir-rakkomandazzjonijiet prodotti mill-Panel taċ-Ċittadini dwar il-Ħela tal-ikel.

*Emenda*

(33) Sabiex l-Istati Membri jilħqu l-miri stabbiliti f'din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jirrevedu l-programmi tagħhom għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel biex jinkludu miżuri ġodda, li jinvolvu diversi sħab mis-setturi pubbliċi u privati, b'azzjonijiet koordinati mfassla biex jindirizzaw hotspots speċifiċi kif ukoll attitudnijiet u mgħiba li jwasslu għall-iskart tal-ikel. Fit-tħejjija ta' dawn il-programmi, *il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jenħtieġ li jaħdmu flimkien mill-qrib biex jidentifikaw u jimplimentaw l-aktar incettivi finanzjarji effettivi biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti f'din id-Direttiva. Bl-istess mod, l-Istati Membri jistgħu jieħdu ispirazzjoni mir-rakkomandazzjonijiet prodotti mill-Panel taċ-Ċittadini dwar il-Ħela tal-ikel u jenfasizzaw ir-rwol ewlieni li jistgħu jiż-żvolġu l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi fil-kampanji ta' sensibilizzazzjoni u informazzjoni tagħhom kontra l-iskart tal-ikel. Barra minn hekk, l-implementazzjoni ta' dawn il-programmi jenħtieġ li tinkludi l-iskambju ta' prattiki tajbin, l-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku, miżuri konkreti biex jistimulaw id-donazzjonijiet tal-ikel, il-promozzjoni ta' metodi sostenibbli ta' produzzjoni u konsum responsabbi, bl-għan li tinkiseb bidla sinifikanzi fl-imġiba soċjali u ekonomika sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fil-ġlieda kontra l-iskart tal-ikel.*

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 33a (ġidida)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(33a) Element kruċjali għat-tisħiħ tal-implementazzjoni effettiva tad-*

*dispożizzjonijiet dwar il-prevenzjoni tal-iskart ikun il-ħolqien ta' pjattaforma għall-iskambju tal-aħjar praktiki bejn l-Istati Membri, li tiffaċilita t-trasferiment tal-gharfiex espert u tħaffef il-proċess ta' implitmentazzjoni. Din il-kooperazzjoni akbar tgħin biex jingħelbu l-ostakli speċifiċi li jiltaqa' magħhom kull Stat Membru u trawwem l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi u effettivi.*

## Emenda 23

### Proposta għal direttiva Premessa 36a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(36a) Sabiex tiġi ffaċilitata l-interpretazzjoni konsistenti tad-data dwar l-iskart tal-ikel u tar-rekwiżiti ta' rapportar mill-awtoritajiet nazzjonali, filwaqt li jiġi evitat piż amministrattiv mhux neċċesarju għall-operaturi fil-katina tal-provvista tal-ikel, il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta linji gwida għall-interpretazzjoni tal-atti delegati, bili ssegwi l-eżempju tal-Gwida għall-kompilazzjoni u r-rapportar tad-data dwar l-iskart muniċipali<sup>1a</sup> jew il-Gwida għall-kompilazzjoni u r-rapportar ta' data dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ<sup>2b</sup>;*

---

<sup>1a</sup> *Il-Kummissjoni Ewropea, il-Eurostat, Gwida għall-kompilazzjoni u r-rapportar ta' data dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ skont id-Deċiżjoni 2005/270/KE; (verżjoni 2023)*  
<https://ec.europa.eu/eurostat/documents/342366/351811/Guidance+on+municipal+waste+data+collection/>

<sup>2b</sup> *Il-Kummissjoni Ewropea, il-Eurostat, Gwida għall-kompilazzjoni u r-rapportar tad-data dwar l-iskart muniċipali skont id-Deċiżjonijiet ta' Implitmentazzjoni tal-*

*Kummissjoni 2019/1004/KE u  
2019/1885/KE, u l-Kwestjonarju Konġunt  
tal-Eurostat u l-OECD, (verżjoni 2023)  
<https://ec.europa.eu/eurostat/documents/342366/351811/PPW+-+Guidance+for+the+compilation+and+reporting+of+data+on+packaging+and+packaging+waste.pdf/297d0cda-e5ff-41e5-855b-5d0abe425673?t=1621978014507>*

## Emenda 24

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 3 – paragrafu 4a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*4ba. “skart tal-ikel” tfisser l-ikel kollu kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li sar skart ħlief għal skart mill-produzzjoni agrikola u minn proċess ta’ produzzjoni, ipproċessar jew żieda fil-valur għal prodotti agrikoli, minn azjendi agrikoli jew kumpaniji agroindustriali oħra, meqjusa bħala prodotti sekondarji skont il-kundizzjonijiet stabiliti fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/98/KE; il-materjali agrikoli msemmija fl-Artikolu 2(1)(f) u l-prodotti sekondarji tal-annuali msemmija fl-Artikolu 2(2)(b) huma esklużi wkoll.*

## Emenda 25

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 9a – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu l-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel **fil-produzzjoni** primarja, fl-*

L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa, **imfassla skont is-sitwazzjoni speċifika tagħhom, u jimplimentawhom**

iproċessar u fil-manifattura, fil-bejgħ bl-imnut u distribuzzjoni oħra tal-ikel, fir-ristoranti u fis-servizzi tal-ikel kif ukoll fl-unitajiet domestiċi. Dawk il-miżuri għandhom jinkludu dan li ġej:

biex jipprevjenu l-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel ***tul l-istadji kollha tal-katina agroalimentari, jiġifteri il-produzzjoni*** primarja, fl-ipproċessar u fil-manifattura, fil-bejgħ bl-imnut u distribuzzjoni oħra tal-ikel, fir-ristoranti u fis-servizzi tal-ikel ***bħal skejjel, sptarijiet, eċċ.*** kif ukoll fl-unitajiet domestiċi. Dawk il-miżuri għandhom jinkludu, ***iżda ma jkunux limitati għal,*** dan li ġej:

## Emenda 26

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 9a – paragrafu 1 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) l-iżvilupp u l-appoġġ ta' interventi għall-bidla fl-imġiba biex jitnaqqas l-iskart tal-ikel, u kampanji ta' informazzjoni għas-sensibilizzazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel;

#### *Emenda*

(a) l-iżvilupp u l-appoġġ ta' interventi għall-bidla fl-imġiba biex jitnaqqas l-iskart tal-ikel, ***inkluż bil-ħsieb li jinbena approċċ pożittiv lejn il-frott u l-ħxejjex b'difetti esterni jew b'dehra mhux tas-soltu iżda li għadhom adattati għall-konsum,*** u kampanji ta' informazzjoni għas-sensibilizzazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel. ***Tali azzjonijiet se jsaħħu, fost l-oħrajn, ir-rwol tal-istabbilimenti edukattivi fl-indirizzar tal-iskart tal-ikel fil-kantins kif ukoll fit-tiswir tal-imġiba tal-konsumaturi futuri; jippermettu fehim aħjar tal-immarkar tad-data mill-konsumaturi; jirrikonoxxu li r-rwol tal-konsumatur f'dan il-proċess ta' tnaqqis tal-iskart tal-ikel huwa vitali u indispensab bli u jiżguraw li l-assoċjazzjonijiet u l-operaturi professionali fīs-settur agroalimentari jipparteċipaw;***

## Emenda 27

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 2008/98/KE  
Artikolu 9a – paragrafu 1 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) l-inkoraġġiment tad-donazzjoni tal-ikel u redistribuzzjoni oħra għall-konsum mill-bniedem, il-prioritizzazzjoni tal-użu mill-bniedem fuq l-għalf tal-animali u l-ipproċessar mill-ġdid fi prodotti mhux alimentari;

*Emenda*

(c) ***l-iffaċilitar u*** l-inkoraġġiment tad-donazzjoni tal-ikel u redistribuzzjoni oħra għall-konsum mill-bniedem, il-prioritizzazzjoni tal-użu mill-bniedem fuq l-għalf tal-animali u l-ipproċessar mill-ġdid fi prodotti mhux alimentari; ***Dan kollu jista' jseħħ, pereżempju, billi jiġu provduti incenċivi fiskali u amministrativi ta' appoġġ lill-operaturi ekonomiċi, kif stabbilit fl-Anness IVa, kif ukoll billi jinħolqu possibbiltajiet u incenċivi għan-negozji biex jiżguraw li l-prodotti li jiskadu jingħataw fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli lill-organizzazzjonijiet li jipprovdū appoġġ lill-persuni li jiffaċċejaw diffikultajiet biex jaffordjaw l-ikel;***

## Emenda 28

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**  
Direttiva 2008/98/KE  
Artikolu 9a – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(da) l-appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni li jindirizzaw l-iskart tal-ikel u fil-qasam tal-imballaġġ tal-ikel, filwaqt li jitqies ir-rwol ewlieni li jiżvolġi l-imballaġġ fil-prevenzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart fil-katina tal-valur tal-ikel u fl-iżgħar tas-sigurtà u l-kwalità tal-ikel filwaqt li jitnaqqas l-impatt ġenerali ambjentali u jiġu ottimizzati sistemi tal-imballaġġ;***

## Emenda 29

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 9a – paragrafu 1 – punt db (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(db) it-trawwim tal-innovazzjoni, l-iskambji u l-kooperazzjoni bejn l-atturi u l-partijiet ikkonċernati kollha tul il-katina tal-provvista tal-ikel sabiex jiġu identifikati l-għodod biex jinkiseb bilanċ aħjar bejn il-produzzjoni u d-domanda.*

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-involviment tal-partijiet ikkonċernati, tas-settur privat u tal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi sabiex jiġu żviluppati programmi mfassla apposta bbażati fuq il-ħtiġijiet tal-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel. Għandha tingħata wkoll attenzjoni partikolari għall-iżvilupp u l-implementazzjoni ta' programmi effettivi ta' edukazzjoni tal-konsumatur, b'enfażi partikolari fuq is-sensibilizzazzjoni fost iż-żgħażaq permezz ta' moduli ta' taħriġ fl-edukazzjoni primarja u sekondarja.*

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 9a – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li

tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38a biex tissupplimenta din id-Direttiva fir-rigward tal-istabbiliment ta' metodoloġija komuni u ta' rekwiżiti minimi ta' kwalità għall-kejl uniformi tal-livelli tal-iskart tal-ikel.

tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38a biex tissupplimenta din id-Direttiva fir-rigward tal-istabbiliment ta' metodoloġija komuni u ta' rekwiżiti minimi ta' kwalità għall-kejl uniformi tal-livelli tal-iskart tal-ikel. *Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri sabiex tippromwovi t-tagħlim reċiproku u t-titjib kostanti tal-proċessi tal-kejl u r-rapportar tal-iskart tal-ikel. Meta tiżviluppa dawn l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni xjentifika jew informazzjoni teknika oħra disponibbli, inklużi standards internazzjonali rilevanti, bħall-Istandard tal-Kontabbiltà u r-Rapportar tat-Telf u l-Ħela tal-Ikel tal-Istitut Dinji tar-Riżorsi, u l-kontribut mill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.*

## Emenda 32

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-kejl u l-monitoraġġ armonizzati tal-iskart tal-ikel billi tippubblika linji gwida rilevanti u prattiċi biex tassisti lill-atturi fil-katina tal-provvista, kif ukoll lill-awtoritatiet tal-Istati Membri, jinterpretaw b'mod sistematiku d-data dwar l-iskart tal-ikel u r-rekwiżiti tar-rapportar.*

## Emenda 33

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 9a – paragrafu 4 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel fl-ipproċessar u fil-manifattura b'10 % meta mqabbla **mal-ammont iġġenerat fl-2020;**

*Emenda*

(a) titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel fl-ipproċessar u fil-manifattura b'10 % **għal kull tunnellata ta' ikel prodott fl-Istati Membri** meta mqabbla **mal-medja ġġenerata għall-perjodu 2020-2022;**

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 9a – paragrafu 4 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel per capita, b'mod konġunt fil-bejgħ bl-imnut u distribuzzjoni oħra tal-ikel, fir-ristoranti u fis-servizzi tal-ikel u fl-unitajiet domestiċi, bi 30 % meta mqabbla mal-ammont iġġenerat **fl-2020.**

*Emenda*

(b) titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel per capita, b'mod konġunt fil-bejgħ bl-imnut u distribuzzjoni oħra tal-ikel, fir-ristoranti u fis-servizzi tal-ikel u fl-unitajiet domestiċi, bi 30 % meta mqabbla mal-ammont iġġenerat **bħala medja għall-perjodu 2020-2022 mill-bejgħ bl-imnut u d-distribuzzjoni oħra tal-ikel, fir-ristoranti u fis-servizzi tal-ikel, u fl-unitajiet domestiċi. Fl-istabbiliment ta' mżuri biex tintlaħaq din il-mira komuni, l-Istati Membri għandhom iqis u l-livelli differenti tal-produzzjoni tal-iskart tal-ikel iġġenerati mill-kategoriji differenti f'dawn l-istadji tal-katina (jiġifieri l-bejgħ bl-imnut u distribuzzjoni oħra tal-ikel, fir-ristoranti u fis-servizzi tal-ikel u fl-unitajiet domestiċi).**

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 9a – paragrafu 5

*Test proposet mill-Kummissjoni*

5. Fejn Stat Membru jkun jista' jipprovdi data għal sena ta' referenza qabel l-2020, li tkun inġabret bl-użu ta' metodi komparabbi mal-metodoloġija u r-rekwiżiti minimi ta' kwalità għall-kejl uniformi tal-livelli tal-iskart tal-ikel kif stabbilit fid-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/1597, tista' tintuża sena ta' referenza aktar bikrija. L-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bl-intenzjoni tiegħu li juża sena ta' referenza aktar bikrija fi żmien **18-il xahar** mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva u għandu jipprovdi lill-Kummissjoni d-data u l-metodi ta' kejl użati biex jiġiborha.

*Emenda*

5. Fejn Stat Membru jkun jista' jipprovdi data għal sena ta' referenza qabel l-2020, li tkun inġabret bl-użu ta' metodi komparabbi mal-metodoloġija u r-rekwiżiti minimi ta' kwalità għall-kejl uniformi tal-livelli tal-iskart tal-ikel kif stabbilit fid-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/1597, tista' tintuża sena ta' referenza aktar bikrija. L-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bl-intenzjoni tiegħu li juża sena ta' referenza aktar bikrija fi żmien **12-il xahar** mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva u għandu jipprovdi lill-Kummissjoni d-data u l-metodi ta' kejl użati biex jiġiborha.

### **Emenda 36**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 9a – paragrafu 6

*Test proposet mill-Kummissjoni*

6. Meta l-Kummissjoni tqis li d-data ma tikkonformax mal-kundizzjonijiet stabiliti fil-paragrafu 5, hija għandha, fi żmien 6 xhur minn meta tirċievi notifika magħmula f'konformità mal-paragrafu 5, tadotta deċiżjoni li titlob lill-Istat Membru biex jew juża **l-2020** jew sena oħra għajr dik proposta mill-Istat Membru bħala sena ta' referenza.

*Emenda*

6. Meta l-Kummissjoni tqis li d-data ma tikkonformax mal-kundizzjonijiet stabiliti fil-paragrafu 5, hija għandha, fi żmien 6 xhur minn meta tirċievi notifika magħmula f'konformità mal-paragrafu 5, tadotta deċiżjoni li titlob lill-Istat Membru biex jew juża **l-medja tal-perjodu 2020-2022** jew sena oħra għajr dik proposta mill-Istat Membru bħala sena ta' referenza.

### **Emenda 37**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**

Direttiva 2008/98/KE

Artikolu 29a – paragrafu 1 – punt 1a (ġidid)

*1a. Meta jadattaw il-programmi tagħhom għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-involviment tal-partijiet ikkonċernati lokali u reġjonali, is-settur privat u s-soċjetà ċivili, bl-għan li jiġu żviluppati programmi ta' prevenzjoni tal-iskart tal-ikel imfassla apposta u bbażati fuq il-ħtiġijiet, li jkunu kapaċċi jindirizzaw hotspots lokalizzati tal-iskart tal-ikel, flimkien ma' attitudnijiet u mgħiba speċifiċi li jikkontribwixxu għall-iskart tal-ikel, b'mod partikolari fil-livell tal-unitajiet domestiċi.*

**ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI  
LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RČEVIED KONTRIBUT MINGħANDHOM**

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat:

<b>Entità u/jew persuna</b>
Copa-Cogeca
FoodDrinkEurope
Mercadona
To Good To Go

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

## PROCEDURE – COMMITTEE ASKED FOR OPINION

<b>Title</b>	Amending Directive 2008/98/EC on waste	
<b>References</b>	COM(2023)0420 – C9-0233/2023 – 2023/0234(COD)	
<b>Committee responsible</b> Date announced in plenary	ENVI 2.10.2023	
<b>Opinion by</b> Date announced in plenary	AGRI 2.10.2023	
<b>Rapporteur for the opinion</b> Date appointed	Clara Aguilera 12.9.2023	
<b>Discussed in committee</b>	25.10.2023	28.11.2023
<b>Date adopted</b>	24.1.2024	
<b>Result of final vote</b>	+: -: 0:	44 0 0
<b>Members present for the final vote</b>	Mazaly Aguilar, Clara Aguilera, Atidzhe Alieva-Veli, Benoît Biteau, Franc Bogovič, Daniel Buda, Isabel Carvalhais, Asger Christensen, Dacian Cioloş, Ivan David, Paolo De Castro, Jérémie Decerle, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Luke Ming Flanagan, Paola Ghidoni, Dino Giarrusso, Francisco Guerreiro, Martin Häusling, Martin Hlaváček, Krzysztof Jurgiel, Elsi Katainen, Camilla Laureti, Norbert Lins, Colm Markey, Marlene Mortler, Juozas Olekas, Eugenia Rodríguez Palop, Daniela Rondinelli, Bronis Ropė, Katarína Roth Neved'álová, Bert-Jan Ruissen, Petri Sarvamaa, Veronika Vrecionová, Sarah Wiener, Juan Ignacio Zoido Álvarez	
<b>Substitutes present for the final vote</b>	Asim Ademov, Rosanna Conte, Gabriel Mato, Michaela Šojdrová, Irène Tolleret, Achille Variati	
<b>Substitutes under Rule 209(7) present for the final vote</b>	Eric Minardi, Cláudia Monteiro de Aguiar	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>44</b>	<b>+</b>
ECR	Mazaly Aguilar, Krzysztof Jurgiel, Bert-Jan Ruissen, Veronika Vrecionová
ID	Rosanna Conte, Ivan David, Paola Ghidoni, Eric Minardi
NI	Dino Giarrusso, Katarína Roth Neved'aková
PPE	Asim Ademov, Franc Bogovič, Daniel Buda, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Norbert Lins, Colm Markey, Gabriel Mato, Cláudia Monteiro de Aguiar, Marlène Mortler, Petri Sarvamaa, Michaela Šojdrová, Juan Ignacio Zoido Álvarez
Renew	Atidzhe Alieva-Veli, Asger Christensen, Dacian Cioloş, Jérémie Decerle, Martin Hlaváček, Elsi Katainen, Irène Tolleret
S&D	Clara Aguilera, Isabel Carvalhais, Paolo De Castro, Camilla Laureti, Juozas Olekas, Daniela Rondinelli, Achille Variati
The Left	Luke Ming Flanagan, Eugenia Rodríguez Palop
Verts/ALE	Benoît Biteau, Francisco Guerreiro, Martin Häusling, Bronis Ropé, Sarah Wiener

<b>0</b>	-

<b>0</b>	<b>0</b>

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Titolu</b>	li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart			
<b>Referenzi</b>	COM(2023)0420 – C9-0233/2023 – 2023/0234(COD)			
<b>Data meta ġie kkonsultat il-PE</b>	5.7.2023			
<b>Kumitat responsabbbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 2.10.2023			
<b>Kumitati mitluba jagħtu opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 2.10.2023	ITRE 2.10.2023	IMCO 2.10.2023	AGRI 2.10.2023
<b>Opinjoni(jet) mhux mogħtija</b> Data tad-deċiżjoni	ECON 19.7.2023	ITRE 19.7.2023	IMCO 18.7.2023	
<b>Rapporteurs</b> Data tal-ħatra	Anna Zalewska 31.8.2023			
<b>Eżami fil-kumitat</b>	24.10.2023			
<b>Data tal-adozzjoni</b>	14.2.2024			
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:	72 0 3		
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Catherine Amalric, Mathilde Androuët, Maria Arena, Margrete Auken, Marek Paweł Balt, Traian Băsescu, Hildegard Bentele, Malin Björk, Pascal Canfin, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Maria Angela Danzi, Esther De Lange, Bas Eickhout, Hélène Fritzon, Malte Gallée, Gianna Gancia, Catherine Griset, Teuvo Hakkarainen, Anja Hazekamp, Martin Hojsík, Pär Holmgren, Adam Jarubas, Karin Karlsbro, Ewa Kopacz, Joanna Kopcińska, César Luena, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Lydie Massard, Marina Mesure, Tilly Metz, Silvia Modig, Alessandra Moretti, Ville Niinistö, Ljudmila Novak, Nikos Papandreou, Francesca Peppucci, Jessica Polfjärd, Erik Poulsen, María Soraya Rodríguez Ramos, Maria Veronica Rossi, Laurence Sailliet, Christine Schneider, Günther Sidl, Ivan Vilibor Sinčić, Maria Spyrali, Achille Variati, Petar Vitanov, Alexandr Vondra, Mick Wallace, Pernille Weiss, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Tiemo Wölken, Anna Zalewska, Stefania Zambelli			
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	João Albuquerque, Milan Brglez, Danilo Oscar Lancini, Marisa Matias, Dace Melbārde, Ulrike Müller, Max Orville, Manuela Ripa, Christel Schaldemose, Nicolae Štefănuță, Róża Thun und Hohenstein, Sarah Wiener			
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Magdalena Adamowicz, Anna Fotyga, Antonio López-Istúriz White, Raffaele Stanganelli, Kathleen Van Brempt, Angelika Winzig			
<b>Data tat-tressiq</b>	23.2.2024			

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>72</b>	<b>+</b>
ECR	Anna Fotypa, Joanna Kopcińska, Raffaele Stancanelli, Anna Zalewska
ID	Mathilde Androuët, Gianna Gancia, Catherine Griset, Danilo Oscar Lancini, Maria Veronica Rossi
NI	Maria Angela Danzi, Ivan Vilibor Sinčić
PPE	Magdalena Adamowicz, Traian Băsescu, Hildegard Bentele, Adam Jarubas, Ewa Kopacz, Esther de Lange, Antonio López-Istúriz White, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Dace Melbārde, Ljudmila Novak, Francesca Peppucci, Jessica Polfjärd, Christine Schneider, Maria Spyrali, Pernille Weiss, Angelika Winzig, Stefania Zambelli
Renew	Catherine Amalric, Pascal Canfin, Martin Hojsík, Karin Karlsbro, Ulrike Müller, Max Orville, Erik Poulsen, María Soraya Rodríguez Ramos, Róża Thun und Hohenstein, Emma Wiesner, Michal Wiezik
S&D	João Albuquerque, Maria Arena, Marek Paweł Balt, Milan Brglez, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Hélène Fritzon, César Luena, Alessandra Moretti, Nikos Papandreu, Christel Schaldemose, Günther Sidl, Kathleen Van Brempt, Achille Variati, Petar Vitanov, Tiemo Wölken
The Left	Malin Björk, Anja Hazekamp, Marisa Matias, Marina Mesure, Silvia Modig, Mick Wallace
Verts/ALE	Margrete Auken, Bas Eickhout, Malte Gallée, Pär Holmgren, Lydie Massard, Tilly Metz, Ville Niinistö, Manuela Ripa, Nicolae Ţefănuță, Sarah Wiener

<b>0</b>	<b>-</b>

<b>3</b>	<b>0</b>
ECR	Teuvo Hakkarainen, Alexandr Vondra
PPE	Laurence Sailliet

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni